**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Frar 2024**

**<u>Rikors Guramentat numru : 117/ 2015 AGV</u>**

**AG**

**VS**

**MVG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors guramentat taì AG ;**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:**

1. Illi l-esponenti izzewweg lill-intimata fil-hmistax (15) taì Awwissu tas-sena elf disa mija u gtmienja u disghin (1998) mill-liema zwieg twieldu tliet ulied, senjatament, E li twieled fid-disgha 9 taì Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u ghandhu tlettax-il sena (13), M li twieldet fl-erbatax taì Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004), u ghandha hdax-il sena, u H li twieled fis-sebgha u ghoxrin taì Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u ghandu tmien snin, ilkoll Ahwa G;

2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibli minhabba swat, mohqrija, sevizzi, eccessi , minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta fuq il-persuna tal-esponenti kif ukoll fuq it-tfal minuri, u dan ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza, anke permezz taì social workers li digaì hadmu fuq il-kaz odjern . In oltreì l-konvenuta anke abbandunat id-dar matrimonjali minghajr l-ebda raguni valida skont il-ligi;

3. Illi kienet l-imgieba tal-konvenuta li rrendiet l-hajja matrimonjali impossibli anke l-ghaliex matul l-hajja matrimonjali r-rikorrenti mhux biss safaì vittma tal-abbuz verbali u anke fiziku illi l-intimata kienet tissoggettah ghalih , izda kienet anke tikkontrollah finanzjarjament;

4. Illi l-attrici fiDicembru 2014, qabdet u telqet mid-dar matrimonjali bil-minuri u dana minghajr qatt ma infurmat lill-esponent, li effettivament ghamel gimghat ma jafx fejnhom;

5. Illi il-proceduri taì medjazzjoni infethu mill-intimata u gew maghluqa fuq talba u insistenza tal- intimata stess u dana minkejja li l-esponent xtaq li l-

medjazzjoni tigi posposta sabiex jilhaq isir is-social assessment tal-partijiet kif ordnat bìdigriet taì din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi l-esponent gie awtorizzat jipprocedi bir-rikors guramentat permezz taì digriet data 21 taì Mejju 2015 (Dok A anness);

7. Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenuta taì mohqrija, sevizzi, eccessi , minacci u offizi gravi kommessi kontra l-esponent kif fuq premess, u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta u/jew ghall-fatt li l-hajja matrimonjali taì bejniethom mhix aktar possibli ghax iz-zwieg tkisser bìmod irrimedjabbli u dan ai termini ta l-Artikolu 40 kap. 16 tal-Ligijiet taì Malta;

2) Tawtorizza lir-rikorrent illi jghix separatament mill-konvenuta martu;

3) Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E , M u H , ahwa G tigi fdata esklussivament fìidejn l-esponenti, bìdana illi l-minuri jghixu mieghu u dana salv l-access tal-konvenuta jekk dan ikun fl-ahjar interess tal-istess minuri;

4) Fìkaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tielet talba tar-rikorrent fir-rigward taì fejn ser ikunu qed jirrisjedu l-minuri , tiffissa granet u hinjiet

tìaccess ampju inkluz sleepovers , illi r-rikorrent ghandu jkollu versu uliedu, inkluz provvediment dwar gheluq snin ir-rikorrent, gheluq snin il-minuri, festi pubblici u l-vaganzi tas-sajf, tal-Ghid tal-Karnival u tal-Milied;

5) Tillikwida u tiffissa manteniment , skont il-mezzi tal-intimata u l-bzonnijiet tal-minuri, liema mantenimet ghandu jizdied minn sena ghal sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, ghall-minuri u tiddeciedi illi l-istess ghadu jibqa jigi vversat favur ir-rikorrent, sakemm il-minnuri jaghlqu it-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomlu bl-istudji taghom fuq bazi full time u tordna lill-intimata sabiex thallas il-manteniment hekk kif likwidat u dan flimkien maì nofs l-ispejjez taì sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

6) Fìkaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tielet talba fir-rigward taì fejn ser ikun qed jirrisjedi l-minuri u kwindi l-manteniment ikun dovut mir-rikorrent versu l-intimata din l-Onorabbli Qorti ghandha tiffissa manteniment skond il-mezzi tal-qliegh tar-rikorrenti, u l-bzonnijiet tal-minuri;

7) Tiddikjara illi l-intimata iddekadiet minn kull dritt li titlob jew tipperecepixxi manteniment minghand ir-rikorrent;

8) Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezisteni bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti arti mill-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma fizewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenut liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-konvenuta ghandha tigi kkonsidrata li

hija hatja tal-firda bìtali mod li l-konvenuta tkun tilfet kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attur skont il-ligi u dan okkorrendo bìopera taì perit nominandi sabiex jillikwidaw l-istess kommunjoni u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

9) Tordna illi d-dar martimonjali 34, Xandrija, Triq il-Harrubba, Mgarr (Malta) tigi okkupata esklussivament mill-istess attur u l-minuri ad eskluzjoni tal-konvenuta martu u dan gialadarba l-konvenuta diga í abbandunat l-istess fond martimonjali minghajr l-ebda raguni valida;

10) Fìkaz li dina l-Onorabbli Qorti ma tilqax id-disa talba, l-istess fond ghandu jitpogga ghal-bejgh u rikavat jinqasam ugwali bejn il-partijiet wara li jitnaqqsu kwalinkwe krediti parafernali li r-rikorrent ghandu;

11) Tillikwida ll-pretensjonijiet parafernali kollha ta l-attur kontra l-patrimonju parafernali tal-konvenuta u kif ukoll kontra l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnithom , komprizi izda mhux limitati ghal dawk mamghula mill-attur minn flus avvanzati lilha mill-genituri tieghu u tordna rifuzjoni tas-somma hekk likwidati jew bil-hlas taghhom mill-konvenuta jew billi tali krediti jigu kompensati fid-divizjoni tal-gid kommuni tal-kontendenti:

12) Tordna lill-konvenuta sabiex thallas jew tikkonsenja lill-attur l-oggetti parafernali dotali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjiena amministarzzjoni tal-beni parafernali tieghu;

13) Tapplika kontra l-imsemmija konventua l-effetti dispozzizzjonijiet tal-Artiklou 48 u 51 et seq tal-Kodici Civili in toto jew in parte;

14) Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jinzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha ikorsi quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt is-seduta ta medjazzjoni kif ukoll l-ispejjez tal-mandat ta sekwestru li gie intavolat kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizjoni.

**Rat ir-risposta guramentata taì** MV G ;

Tesponi bir-ripett u bil-gurament tikkonferma li taf personalment:

1. Illi l-eccipjenti ma topponix l-ewwel talba limitament fejn qed jintalab li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti bìdana peroì illi hu kontestat fejn l-attur jippremetti li l-pronunzjament tas-separazzjoni ghandu jkun ghar-ragunijiet li eccipjenti rrendiet ruha hatja fil-konfront tar-rikorrent taì mohqrija ,sevizzi , theddid , eccessi ,minacci u offizi gravi. Dan iz-zwieg tfarrak unikament minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess rikorrent li rrenda ruhhu hati fil-konfront tal-eccipjenti taì sevizzi , eccessi, theddid , eccessi ,minacci u offizi gravi kif ukoll minhabba inkompatibiltaì taì karattru ghal dawn ir-ragunijiet ser tigi intavolata talba rikonvenzjonali.

   L-eccipjenti minn issa stess tissolleva l-fatt illi r-rikorrent farrak iz-zwieg u holoq tensjoni qawwija u hsara psikologika lill-ulied minuri u l-ewwel

talba fil-frivolositaì taghha fejn qed tintalab dikjarazzjoni li l-eccipjenti hija hatja ta swat, mohqrija u addebiti ohra fil-konfront taì uliedha, hi l-aqwa konferma taì dan. Izzid ukoll li tirriserva l-posizzjoni taghha ghar-rigward gurament falz spergur kommess minn zewgha in kwantu ghall-addebiti diretti fil-konfront taghha fir-rikors mahluf li l-attur jaf ben tajjeb li huma foloz u dana billi l-gurament ma jistax jittiehed hekk leggerment u in pjena konoxxenza taì min qed jiehu l-gurament li jaf li dak li qed jikkonferma bil-gurament mìghandux mis-sewwa.

2. Illi r-rikorrenti ma topponiex ghat-tieni talba kif kontenuta fir-rikors prompotur in kawntu qed jintalab li din l-Onorabbli tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament minn mal-eccipjenti , anzi hu invitabbli u rakkomandabbli dan jsir fl-immedjat.

3. Illi fir-rigward tat-tielet u r-rabaì talba dwar l-affidament tal-kura u l-kustodja u l-access ghall-ulied minuri E, M u H ahwa G, l-ecippjenti ma taqbilx li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja taì uliedha tigi fdata lir-rikorrenti, izda l-kura u ahjar interess tal-minuri , bìaccess favur ir-rikorrent li ghandu jigi regolat minn din l-Onorabbli Qorti bìmod illi jigi mhares l-aqwa nteress tal-minuri.

4. Illi fir-rigward tal-hames u s-sitt talba dwar il-manteniment pagabbli favur il-minuri E , M u hugh ahwa G , peress li hu fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghhom tigi fdata esklussivament lill-eccipjenti , u peress li jkun ukoll fl-interess suprem tal-minnuri li jirrisjedu mal-omm, hu r-rikorrent li ghandu jiversa retta alimnetari lill-eccipjenti ghat-tlett ulied minuri.

5. Illi l-eccipjenti topponi s-sebaì talba billi hi ma ddekadietx mid-dritt taghha li titlob manteniment ghaliha minghand ir-rikorrent, anzi ghandha kull jedd li titlob u tircievi manteniment minghbad ir-rikorrent skont il-ligi.

6. Illi dwar it-tmien talba, l-eccipjenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi dikjarata xolta u li din tigi likwidata u diviza bejn il-kontendenti ( inkluz gid iehor komuni bejn il-kontendenti anke jekk mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti), bl-eventwali bejgh bìlicitazzjoni taì dan kollu li mìhuwiex kommodament divizibbli , bl-ammissjoni taì oblaturi estraneji u danakollu okkorendo bl-opera ta perit nominadi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lir-rikorrenti fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att u dana wkoll illi din il-Qorti tillikwida kull kreditu li l-eccipjenti ghandha kemm fil-konfront tr-rikorrenti. Ukoll ghal dan il-ghan billi huwa propju r-rikorrent li hu hati tal-firda izda mhux l-eccipjenti , ghandha tigi stabbilita data li minn dakinhar ir-rikorrent ghandu jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-eccipjenti.

7. Illi l-eccipjenti topponi mid-disa talba in kwantu fejn ir-rikorrent talab sabiex il-fond matrimonjali 34, Xandrija, Triq il-Harruba, Mgarr (Malta) jigi okkupat esklussivament minnu u mill-minuri ad eskluzjo i tal-eccipjenti. In vista tal-htijiet tar-rikkorrent, u maghdud ukoll il-fatt li ma hemm l-ebda raguni valida fil-lligi jew xi htiga ghala r-rikorrnet ghandu jigi koncess id-dritt ta abitazzjoni fìdan il-fond , ir-rikorrenti ghandu jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jallontana ruhhu bìmod definittiv minn dan il-fond , anke fil-mori tal-kawza.

8. Illi fl-eventwali li din l-Onorabbli ma tordnax lir-rikorrent sabiex jallontana ruhhu bìmod definittiv mill-fond matrimonjali , l-eccipjenti ma

topponiex ghat-talba numru ghaxra tar-rikorrent izda mir-rikavat tal-bejgh taì dan il-fond ghandu jitnaqqas kull kreditu dovut lill-eccipjenti.

9. Illi l-hdax l-talba hi opposta inkwantu ma hemm ebda pretensjonijiet parafernali xìjigu likwidati a favur l-attur, u din it-talba ma timmerita ebda akkoljiment.

10. Illi riferibbilment ghal talba numru tnax , l-eccipjenti mìghandha l-ebda beni u krediti parafernali u/jew dotali appartinmenti lir-rikorrent fil-pussess taghha u ghalhekk din t-talba ghandha tigi michuda.

11. Illi dwar it-talba numru tlettx ma tezistix l-ebda ragun s-sanzjonijiet komtemplati fl-artikolu 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta ghadhom jigu applikati kontra l-eccipjenti, liema sanzjonijiet pero ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-istess rikorrent.

12. Illi l-esponenti taderixxi ruhha ghall-erbatax il-talba.

13. Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorretnti in toto, stante (i) t-tortijiet tieghu u (ii) minkejja diversi tentattivi da parti tal-eccipjenti sabiex jintlaqqa ftehim bonarju dwar is-separazzjoni ta bejn il-partijet ir-rikorrent fixkel u harbat kull possibbilita ta transazzjoni bin-nuqqas ta nteress tieghu fil-proceduri ta medjazzjoni u konsistenement wera li hu qatt ma kien dispost jasal ghal ftehim barra l-Qorti.

14. Illi l-eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha mill-istanza attric u qed tipproponi s-segwenti talba rikonvenzjonali.

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skont il-ligi u bl-ispejjez.**

**Rat it-talba rikonvenzjonali taì** MV G

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma li taf personalment:

1. Illli l-eccipjenti qieghda tipprevalixxi ruhha mill-istanza attrici u tipproponi din it-talba rikovenzjonali taghha.

2. Illi l-kontendenti zzewwgu fìMalta fil-hmistax (15) taì Awwissu tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998) u kellhom tlett ulied kif imfisser fl-ewwel premessa tar-rikors mahluf.

3. Illi z-zwieg taì bejn il-kontedenti konjugi G tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrent rikonvenut li rrenda ruhhu hati lejn l-eccipjenti taì sevizzi, eccessi, theddid , offizi u ingurji gravi, kif ukoll minhabba inkompatibiltaì taì karattru , u billi l-hajja matrimonjali ma baqghetx aktar possibbli.

4. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet .

5. Illi r-rikorrent rikonvenut fixkel ukoll kull possibilita taì ftehim konsenswali u harbat kull possibilitaì li l-partijiet jevitaw litigazzjoni.

6. Illi l-partijiet ottjenew l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jipprocedu fìdina l-istaza ghas-separazzjoni personali u dana skont ma jirrizulta mid-Dokument A , li gie anness mar-rikors guramentat.

Jghid ghalhekk ir-rikorrent rikonvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti mìghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti unikament minhabba r-ragunijiet imfissra fit-tielet paragrafu tat-talba rikonvenzjonali.

2. Tafda lill-eccipjenti bil-kura u kustodja tal-minuri E, M u H ahwa G , bìaccess limitat favur ir-rikorrent rikonvenut li ghandu jigi regolat minn din din l-Onorabbli Qorti bìmod illi jigu mhassra l-interessi supremi tal-ulied minuri.

3. Tikkundanna lir-rikorrent rikonenut sabiex ihallas lill-eccipjenti ghaliha u ghal-ulied minuri E, M u H ahwa G , dik r-retta alimentarja dovuta ghall-bzonnijiet taghhom skont il-ligi flimkien mal-ispejjez taì sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra- kurrikulari tal-istess ulied, bìdawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghal-gholi tal-hajja ordni ghal-hlas dirett mill-paga tar-rikorrent, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tapplika in toto jew in parte kontra r-rikorrent rikonvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet taì  Malta.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti  bejn il-partijiet u tillikwda l-istess bìmod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar r-rikorrent jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-eccipjenti u dana kollu okkorenndo bl-opera taì perit nominadi u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lir-rikorrent rikonventut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tordna l-allontanament  tar-rikorrenti rikovenut mill-fond numru 34, Xandrija, Triq il-Harruba, Mgarr Malta, u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgoba tiffissa din l-Onorabbli Qorti u tawtorizza lill-esponenti sabiex tghix fìdan il-fond flimkien maì ulieda minuri ad eskluzzjoni tal-attur.

7. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

8. Tordna lir-rikorrent rikonvenut jirrestitwixxi lill-esponenti bejn u krediti parafernali u dotali taghha inkluz flus krediti ohra u fin-nuqqas tikkundanna lill-istess rikorrent rikonvenut ihallas il-valur tal-istess bl-opera, occerrendo taì  perit nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli neccessarji fì dan ir-rigward tordna konsegwentament li l-eccipjenti tigi moghtija l-piena amminsitrazzjoni tal-beni dotali u parafernali taghha.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrent rikonvenut li qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Risposta guramentata ta' AG ghat-talba rikonvenzjonali ta' M MVG datata 30 ta' Gunju 2015 ,**

Jecepixxi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:

1. Illi huwa minnu illi l-kontendenti zzewwgur fil-hmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u huwa minnu illi minn dan iz-zwieg ghandhom tlett ulied, E li ghandu erbatax-il sena, M li ghandha tnax-il sena u H li ghandhu disa' snin.
2. Illi huwa minnu illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli izda mhux ghal ragunijiet attribwiti fit-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta. Iz-zwieg in fatti tkisser b'mod irrimedjabbli ghal ragunijiet imputabbli solament lil konvenuta kif gie enuncjat fir-rikors guramentat promutur ta' l-attur ossia minhabba swat, mohqrija, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta fuq il-persuna tal-attur kif ukoll fuq it-tfal minuri kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Il-konvenuta ghandha tinstab ukoll hatja illi hija abbandunat id-dar matrimonjali minghajr l-ebda raguni valida skont il-Ligi.
3. Illi huwa minnu illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet izda mhux minnu illi kien l-eccipjent illi fixkel il-possibilita' ghal ftehim bonarju, anzi kienet l-konvenuta wehidha li fixklet il-medjazzjoni u kull hsieb ta' ftehim bonarju bl-intransigenzi taghha u bin-nuqqas ta' rieda tajba minn naha taghha – bizzejjed jinghad illi hija qabdet u hadet it-tfal mid-dar matrimonjali u sparixxiet minghajr l-ebda

raguni valida kif ukoll hija riedet illi l-access tal-missier ikun taht supervizjoni kif fil-fatt hekk kien degretat izda wara ttnehha u fil-fatt bhalissa l-access mhux supervizjonat. In fatti li nhareg mis-supervizjoni kien illi l-konvenuta u l-familja taghha kienu li qeghdin ipoggu t-tfal fil-periklu u mhux l-attur!

4. Illi l-attur ma jopponix ghal l-ewwel talba rikonvenzjonali limitament ghal ppronunzjar tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghal ragunijiet imfissra fit-tielet paragrafu tat-talba rikonvenzjonali. U cioe' illi tali pronunzjar tas-separazzjoni personali ghandu jsir ghal ragunijiet imputtabbli lil konvenuta ossia minhabba swat, mohqrija, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenuta fuq il-persuna tal-attur kif ukoll fuq it-tfal minuri.

5. Illi l-attur jopponi ghat-tieni talba u dana ghaliex hemm talba li l-kura u kustodja tal-minuri E, M u H, ahwa G, tigi fdata esklussivament f'idejn l-attur, b'dana illi l-minuri jghixu mieghu u dana ghaliex huwa fl-ahjar interess tal-minuri u dana salv l-access tal-konvenuta jekk dan ikun fl-ahjar interess tal-istess minuri. Izda jekk dina l-Onorabbli Qorti fis-sapjenza taghha tordna illi l-kura u kustodja ghandha tibqa' kongunta izda t-tfal jirrisjedu ma' l-omm, qieghed jigi eccepiet illi l-attur ghandhu jkollu access adegwat versu l-minuri u dana dejjem skont l-ahjar interessi u ezigenzi ta' kull minuri individwalment u kolletivament ;

6. Illi l-attur jopponi ghat-tielet talba u cioe' illi huwa ghandhu jhallas xi manteniment lil konvenuta u dana minhabba zewg ragunijiet primarji – illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi xi manteniment minghand l-attur u dana minhabba li hija ghandha tigi kkunsidrata hatja tat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti kif ukoll ghal fatt illi l-konvenuta ghandha impjieg fiss bhala ghalliema u ghandha diversi propjetajiet u parafernali liema ghandha introjtu minnhom ukoll ghalhekk hja

finanzjarjament independenti.  L-eccipjent jopponi illi ghandu jkun hu illi jipprovdi l-manteniment ghat-tfal minuri flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni, sahha u attivitajiet estra-kurrikulari u dana ghaliex jekk dina l-Onorabbli Qorti fis-sapjenza taghha tilqa' t-tielet talba ta' l-attur fir-rikors guramentat promotur la darba t-tfal jirrisjedu ghandhu, l-obbligu ta' l-ghotja tal-manteniment ghandhu jkun a karigu tal-konvenuta flimkien ma' nofs l-ispejjez edukattivi, ta' sahha u ta' attivitajiet estra-kurrikulari.  Izda jekk dina l-Onorabbli Qorti tordna illi l-attur ghandhu jkun illi jipprovdi l-manteniment ta' uliedu minuri huwa jeceipixxi illi tali ammont ghandhu jirrifletti l-ezigenzi tal-minuri u l-mezzi ta' l-attur.  Illi rigward l-ispejjez ta' l-edukazzjoni u ta' sahha dawna ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.  Illi rigward l-ispejjez ta' attivitajiet estra-kurrikulari dawna jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet dejjem jekk ikun hemm qbil bejn il-partijiet wara li jigi kkonsultat l-attur – haga li s'issa mhux qed issir.

7. Illi l-attur jopponi ghar-raba' talba u dana ghaliex ma hemm l-ebda raguni fil-Ligi ghaliex ghandhom jigu applikati dawna l-Artikolu fil-konfront tieghu.  Illi l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 ghandhom jigu applikati semmai kontra l-konvenuta.

8. Illi l-attur ma jopponix ghal hames talba limitament ghax-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u ghall-istabbilar tal-porzjoni ta' tali kommunjoni li ghandhom jigu assenjati lil kontendenti izda huwa jopponi illi tali data tax-xoljiment ghandha tigi stabbilita minn meta l-attur ghandhu jitqies illi ddekada minn kull akkwist maghmul minnu.  Illi l-attur jecepixxi illi d-data li ghandha tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti ghandha tkun minn meta l-konvenuta titqies li hija ddekadiet minn kull akkwist maghmul minnha fil-kors tax-xoghol taghha jew bil-hila taghha.

9. Illi l-attur jopponi ghas-sitt talba u dana minhabba li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali taghha minghajr l-ebda raguni valida skont il-Ligi izda qabdet u telqet minn rajha u hadet lil uliedhom maghha. Illi d-dar matrimonjali hija d-dar fejn baqa' jghix l-attur u fil-fatt ghadhu jghix hemmhekk sal-lum. Illi l-fond matrimonjali huwa parti mill-kommunjoni ta' l-assi u ghalhekk ghandhu jigi diviz minn dina l-Onorabbli Qorti kif jidhrilha xierqa.

10. Illi ma jopponiex ghas-seba' talba.

11. Illi l-attur m'ghandhu l-ebda beni, krediti parafernali jew dotali, inkluzi flus u krediti ohra tal-konvenuta fil-pussess tieghu u ghalhekk tali talba ghandha tigi michuda.

12. Illi l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jigu ssaportati fl-intier taghhom mill-konvenuta u dana ghaliex it-tifrik taz-zwieg huwa imputabbli solament lilha kif ukoll minhabba l-fatt illi ftehim bonarju ma setax intlahaq purament minhabba l-intransigenzi da parti taghha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza tal-15 ta' Gunju, 2016 fejn dina l-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat ir-rapport tal-Perit Alan Saliba ipprezentata fit-3 ta' April, 2017.[1]

[1] A fol. 830

Rat ukoll ir-Rapport tal-Perita Psikologa Mrs. Carmen Sammut ipprezentata fit-12 ta' Gunju, 2017.[2]

Rat ukoll li b'digriet tal-Qorti tal-10 ta' Novembru, 2017 gew innominati l-Periti Psikjatrici Dr. Joseph Cassar u Dr. Ethel Felice sabiex jirrelataw dwar is-sahha mentali tal-konvenuta u l-attur rispettivament.

Rat ukoll ir-rapport tekniku tal-AIC Mario Cassar datat 31 ta' Mejju, 2018.[3]

Rat ukoll ir-rapport tal-Perit Legali Dr.Keith Borg li gie pprezentat fil-11 ta' Mejju, 2022.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi qabel xejn, il-Qorti tirrileva b' dispjacir li l-kawza shiha ta' separazzjoni kienet ikkaratterizzata b'piki shah u esagerati ghat-tfal, b'hafna akkuzi, hafna tghawwir u addiritura bl-attur iwaddab hafna piz fuq it-tfal ighidilhom dwar il-proceduri tal-Qorti, li fl-ahhar mill-ahhar spiccaw li prattikament saru kollha maggorenni, hlief ghal Hugh li ser jaghlaq tmintax-il sena f'Dicembru ta' dina s-sena, mifrudin u maqsumin bejn il-genituri u bejniethom. Certament din mhix l-attitudni li l-genituri ghandhom ikollhom fil-konfront ta' uliedhom meta ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. L-ezempju li ghandhom jaghtu l-genituri lil uliedhom huwa li jirrikonoxxu li ghandhom bzonn it-tnejn u da parti taghhom ghandu juru rispett lejn kull genitur.

[2] A fol. 891
[3] A fol. 1262

Huwa ta' dispjacir tara li l-problemi ta' bejniethom isiru problemi tat-tfal u wara hafna glied u akkuzi, pataflun rikorsi u manipulazzjonijiet sabiex jirbhu l-kura u kustodja, l-uniku rizultat huwa li t-tfal spiccaw trawmatizzati u mbeghdin minn xulxin u mill-genituri rispettivi. Minn din il-kawza, l-aktar li hargu telliefa huma t-tfal tal-partijiet, u hadd aktar.

Ghaldaqstant, wara li l-partijiet ghamlu saga shiha fuq it-tfal, peress li fil-mori tal-kawza, it-tfal kollha saru maggorenni, ghajr ghal Hugh li jsir maggorenni f'Dicembru, mhix ser tidhol iktar fil-mertu fuq il-kura u kustodja u access kif ser jigi kkunsidrat iktar 'l quddiem u ghalhekk mhix ser tikkunsidra x-xhieda li jkopru dawn it-talbiet, ghajr fejn jirrigwarda biss kwistjonijiet relatati mal-manteniment.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attur jghid li kien iltaqa' mal-konvenuta ghall-habta tas-sena 1994, wara li kien tkellem mal-qassis li kien imexxi r-rivista Regina et Mater sabiex isiblu tifla bil-ghaqal.

   Jghid li l-gherusija damet xi erba' snin. Mill-bidunett il-konvenuta kienet tidher bhala persuna dominanti li thobb tikkmanda u tordna u maz-zmien kien ihoss li kien qisu l-pupazz taghha, Madanakollu, peress li kien ihobbha hafna dak iz-zmien, ma kienx jaghti kaz dawn il-karatteristici.

   Jispjega li l-konvenuta kienet involuta f'hafna attivitajiet fl-Imgarr u kienet tippretendi li jmur maghha u joqghod ihares sakemm tlesti u ftit kienu johorgu flimkien bhala gharajjes. Pero' peress li kienet twieghdu li wara li jkollhom it-tfal kienet ser tnaqqas minn dawn l-attivitajiet, ma tantx kien jaghtihom l-importanza mehtiega.

Jishaq ukoll li l-konvenuta kellha trobbija iebsa peress li sabiex izommu d-dixxiplina l-genituri taghha kienu jsawtuha bic-cintorin. Jammetti li kienet issawtu u meta twieldu t-tfal l-iswat dar fuqhom u dan meta hu trabba b'mod differenti.

Jghid ukoll li ommha kellha problemi mentali, tant li kien hemm zmien fejn kienet Mount Carmel u sallum ghadha tikkura ruhha ghad-depressjoni. Jinkwieta peress li xi kultant it-tfal ikunu maghha.

Jghid li kien hemm sikkar tac-cintorin zejjed fil-familja tal-konvenuta ghal dak li jirrigwarda l-ikel, is-sahha u l-edukazzjoni.

Jsemmi li d-dominanza tal-konvenuta regghet dehret meta nanntu riedet thallaslu karozza li xtaq jixtri waqt l-gherusija. Il-konvenuta kienet iggieldet ma' missieru minhabba li kien qed jaghti parir fuq liema karozza kellu jixtri u spiccaw li meta xtraha, haditha f'idejha l-konvenuta, bl-iskuza li kien traskurat u ma kienx jiehu hsiebha. Spicca mbaghad iggieled maghha meta bdiet thalli lil ohtha ssuqha meta kienet bla licenzja.

F'dan ir-rigward, il-konvenuta tinsisti li l-attur ma kienx jaf isuq tajjeb u ghall-bidu tal-gherusija ma kienx isuq u kienet twasslu hi. Meta ddecieda li ried jixtri karozza, kien fl-istess zmien li kienu ser jixtru post u opponiet peress li hasset li ma kienx il-hin opportun. Kienet offriet li thallas nanntu, imbaghad sar jaf li l-flus li kienet tghaddi lil missieru kien izommhom ghan-negozju tieghu. Kien spicca baqa' jhallas il-kambjali hu stess anke sa wara z-zwieg.

Il-konvenuta zzid tghid ukoll li xi tmien xhur qabel ma zzewgu kien miet missier l-attur u saru jafu li kien halla d-dejn warajh relatat man-negozju tieghu. Kienet ghenithom hafna sabiex jiehdu hsieb isolvu l-problemi.

L-attur jzid jghid li l-konvenuta ma kinitx iggib rispett lejn ommu u kien hemm okkazjoni fejn kienet sawtitha.

Kienet anke kemm il-darba tirridikolah u twaqqghu ghac-cajt anke quddiem it-tfal biex ma jgibulux rispett.

Kienet anke tikkontrolla l-flus u l-komunjoni, tant li kienet tiftahlu l-posta, tohroglu c-cekkijiet ghall-attivitatjiet tal-Imgarr u kienet anke taqbad u tuzalu l-card tal-internet banking tieghu bla ma tghidlu. F'okkazzjoni minnhom peress li rrifjuta li jiffirmalha cekk, kienet qabdet u ffalsifikat il-firma, tant li kien baghtilha ittra tramite l-avukat tieghu.

Jispjega li l-indhil tal-konvenuta u li dejjem trid tmexxi hi, kien wassal sabiex ikollha problemi kemm fl-attivita' ta' Lejla Mgarrija li kienet tiehu hsieb hi u ma baqghetx popolari, ghalkemm kien ipprova jifthilha ghajnejha wara li kienu kellmuh xi nies. L-istess kien gara meta siefru mal-ghaqda tal-volontarjat "3rd World" u spiccat kellha xi tghid ghaliex riedet tmexxi hi. Kienet anke bdiet tirridikolah in kontinwazzjoni waqt dina s-safra.

Kien anke pprova jidhol fil-kumitat tal-festa, izda l-konvenuta stess kienet taghmillu l-bsaten fir-roti, tant li kellu jabbanduna l-interess tiehu li jghin fil-festa. L-istess kienet taghmel sabiex tghin lin-nies li kellhom bzonn, filwaqt li ma kinitx taghmel hilitha sabiex tghin lit-tifel taghhom E li kien

*dyslexic*. Kienet thobb taghti parir bl-addocc u ssahhan nisa ta' familji li kellhom problemi, tant li kien hemm kaz fejn kienet qed tghin mara li zewgha kien maghruf bhala vjolenti hafna u kien wissiha biex tiehu pass lura, izda ma semghetx minnu u dina l-mara spiccat inqatlet.

Jghid li l-konvenuta kienet ferhana meta twieldu l-ewwel zewgt itfal, izda meta bdew jitfarfru, il-konvenuta ma riditx tibqa' d-dar ghax ma tantx kienet domestikata. Kienet thallihom hafna mal-genituri taghha u ma kinitx thobb tohrog bhala familja, dejjem riedet nies ohra maghhom. Lanqas riedet li jmorru safra flimkien u ppreferit li tmur mat-tifel mawra mal-Kunsill Lokali minhabba l-gemellagg. Kien spicca mar mat-tifla M u meta giet lura bdiet tibki peress li bezghat tmur lura d-dar minhabba s-swat li kienet taqla' u kienet tghajjarha peress li kienet iddum biex taghmel il-*homework*.

L-istess kienet taghmel lit-tifel E. Kienet taghtih daqqiet bla kontroll u kienet tghajjru. Anke li wara li rrizulta li kien ibati bid-*dyslexia*, fuq insistenza tal-iskola kienet baqghet tghajru. L-istess kienet taghmel mat-tifel iz-zghir H, issawtu u tghajru.

Izid jghid li kemm il-konvenuta kif ukoll il-familja taghha kienu jhobbu jwaqqghuh tac-cajt u dan kien isir in kontinwazzjoni, tant li l-hajja mizzewga kienet saret impossibbli.

Meta l-konvenuta regghet bdiet tahdem bejn is-snin 2008/2009, ma kinitx taghtih sodisfazzjon fejn kienet tonfoq il-flus. Kienet thallas mill-inqas. Kienu jaqsmu biss il-kontijiet tad-dawl u ilma, kif ukoll l-ispejjes tal-iskola. Ma kinitx tixtri hwejjeg lit-tfal, kienet tiddobbahom second hand minghand in-nies u lanqas qatt ma riedet tbiddel l-ghamara, hlief il-kamra

tas-sodda tat-tifla fuq insistenza tieghu. Kienet involuta f'hafna attivitajiet li kienu jorganizzaw l-Imgarr u kienet anke tahdem fis-summer school Bubbles, imbaghad kienu ghamlulha l-arrangjamenti sabiex tahdem minghajr ktieb tax-xoghol.

Jsemmi kif wara li ghamlu hbieb ma' koppja T u S F , il-konvenuta kienet dejjem tmaqqdru u twaqqghu ghac-cajt, izda kien jissapportihom peress li T kien jingieb hafna mat-tfal u kienu jhobbuh.

Dwar il-konvenuta jinsisti li ma kinitx taghti priorita' lit-tfal u dan halla impatt fuqhom. Ma kinitx theggihom fl-istudji taghhom u fil-fatt it-tifla kienet abbandunat il-muzika u t-tifel E, minhabba li kellu d-*dyslexia* kien jiehdu ghand LD , bhala ghalliem li kienu ssuggerew l-Assocjazzjoni tad-Dyslexia u kien sejjer tajjeb, minhabba li l-lezzjonijiet.

Jispjega li missier il-konvenuta kien tawhom art biex jibnu dar, izda kien hemm hafna problemi sabiex tinbena. Ommu kienet tathom xi flus li kellha minn bejgh ta'appartament, izda meta kien ovvju li ma setghux jibnu din id-dar, kien talabha l-flus li taghthom ommu lura, izda kienet infurmatu li kienet nefqithom u kienet tatu biss cekk mill-bilanc li kien fadal.

Dwar l-assi l-attur isemmi s-segwenti:-

**<u>Vetturi</u>**

- Peugeot 306 intxrat fl-gherusija fis-sena 1996 u llum giet *scrapped.*
- Peugeot 306 inxtrat fiz-zwieg bejn 2006/2007 ghall-valur ta' €2000 bi flus li kienet tatu ommu. Eventwalment kienet giet *scrapped* ukoll ghall-valur ta' bejn €500 - €700.

**Kontijiet tad-dawl u ilma**

Kien hemm pendenzi fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma u peress li l-konvenuta kienet tidher bhala l-account holder, kienet saret kawza kontriha fl-ismijiet **ARMS Ltd. Vs MVG** quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn inqatghet li kellhom ihallsu nofs kull wiehed tal-kont u dan wara li l-attur gie kjamat fil-kawza.

Izid jghid li l-konvenuta kompliet tirrifjuta li thallas sehemha u l-ARMS irrifjutaw li jaghtuhom lura s-servizz tad-dawl u ilma, sakemm hallas sehem il-konvenuta huwa stess u issa qed jippretendi kreditu favurih.

**Dar Matrimonjali**

L-attur jispjega li d-dar kienet inxtrat qabel iz-zwieg bejn il-partijiet, izda ghalkemm tappartjeni lill-komunjoni, kien hareg iktar flus mill-konvenuta u kien qed jippretendi kreditu favurih. Jghid li kien hareg Lm8,000 u l-attrici kienet harget Lm2,000 biss.Jghid li kien hallas Lm3,000 ghall-konvenuta u issa jridhom lura.

Illum qed ighixu mieghu s-subien E u H u qed jippretendi li jixtri sehem il-konvenuta mid-dar peress li t-tfal affezzjonati mad-dar fejn trabbew.

**Garaxx il-Marsa**

L-attur jikkonferma li hu u ohtu kienu wirtu garaxx il-Marsa u dan qabel iz-zwieg. Wara z-zwieg hu u ohtu kienu bieghu dan il-garaxx ghall-valur ta’ Lm20, 000 u ghalhekk sehemhu kien ta’ Lm10, 000 u dan kien poggihom fil-komunjoni biex xtara l-ghelieqi tal-komunjoni.

**Flats il-Marsa**

L-attur, flimkien ma' ohtu u ommu kienu wirtu zewg flats il-Marsa qabel iz-zwieg. Fiz-zwieg kienu bieghu dawn il-flats, izda l-qliegh minn wiehed minnhom mar sabiex jithallas id-dejn ta' missieru, filwaqt li l-appartament l-iehor inbiegh ghall-valur ta' Lm18, 000 li minnu ha Lm4, 500 li intuza fil-komunjoni.

**L-ghelieqi tal-konvenuta**

L-attur ighid li l-konvenuta nghatat diversi ghelieqi b'donazzjoni u l-istess ghelieqi jinhadmu minn hutha jew minn terzi, izda qatt ma rah flus minn dawn il-frott u haxix li jkabbru. Jinsisti li l-konvenuta kienet tahbilu u ma kinitx tpoggi dawn il-flus fil-komunjoni, Tant hu hekk li darba minnhom huha Tonio kien tah xi €1000 li kien sehemha mill-bejgh tal-frawli ta' dik il-gimgha, izda l-konvenuta cahditu u qalet li dawn kienu flus li kienet sellfet lil huha. Fil-fatt minn dakinhar Tonio qatt ma tah xi flus lura.

**Post il-Hamrun (Simons Menswear)**

L-attur u l-familja tieghu ghandhom post il-Hamrun li fuqu hemm cens ta' €8,800 fis-sena u jikkonferma li jiehu €2,200 fis-sens mic-cens u ommu tghaddi s-sehem taghha ta' €2,200 lilu bhala donazzjoni. Jinsisti li dan l-ammont dejjem tah lill-konvenuta ghall-bzonnijiet ta' kuljum.

**Glied fuq il-finanzi bankarji**

L-attur jghid li l-iktar li kien ikun hemm dizgwid kien minhabba l-fatt li l-konvenuta bdiet tahdem wara li kellhom lil Hugh u ma kinitx taghtih soddisfazzjon tal-introjtu taghha mill-iskola fejn kienet tahdem. Imbaghad kellha xi *part-time job* u anke kienet tiggestixxi s-*summer school* fejn kienet thaddem hafna nies bla ktieb. Kien hemm ukoll il-qliegh mill-ghelieqi, izda jghid qatt ma tatu soddisfazzjon u dan apparti li kienet

tammetti mieghu li hi u l-familja ma kinux jiddikjaraw kollox fl-income tax.

Izid jghid li l-prospett tal-income tax kienet tiehu hsiebu l-konvenuta u meta bdiet tahdem kienu jaghmlu komputazzjoni separata u dan minhabba li ghalih l-konvenuta hija persuna dominanti.

**Donazzjonjiiet minghand ommu**

Jikkonferma li ommu kienet tatih hafna flus bhala donazzjonijiet u dan anke fiz-zwieg. Kien hemm drabi li tathom lill-konvenuta u kienet izommhom hi. L-istess kienet taghmel meta kien jithallas minn xi klijent ghall-bejgh tal-kompjuters.

Jikkonferma ukoll li ommu kienet tatu Lm13,500 fiz-zwieg bhala donazzjoni u dan sabiex jibni d-dar matrimonjali.

**Donazzjonijiet ta' V**

Jghid li l-konvenuta kienet hallset mill-komunjoni l-ispejjes kollha tad-donazzjonijiet li nghatat minghand missierha, flimkien mal-ispejjez notarili u tat-taxxa.

2. **Il-konvenuta** tikkonferma li l-gherusija taghhom damet tlett snin u tammetti li ghalkemm kienet attiva hafna fl-Azzjoni Kattolika fir-rahal tal-Imgarr, kienu dejjem isibu hin ghal xulxin.

   Tispjega li fl-gherusija kellhom problema b'omm l-attur ghaliex kienet tibghat lil missieru sabiex isegwihom sabiex ikunu jafu fejn qedghin u kienet ghadha titrattah ta' tifel sal-gurnata ta' llum.

Izzid tghid li l-attur kien ihobb jinvolvu ruhu fl-attivitajiet taghha fejn kienu jikkoncernaw l-Imgarr u kien jipprova jghin fl-aspett teknologiku.

Il-konvenuta tishaq li l-attur huwa persuna li ghandu rasu iebsa u anke ma kienx kapaci jiehu decizjonijiet u ma kellux sens ta' rutina. Kien it-tip li l-ahhar kelma riedet tkun tieghu.

Issemmi meta kienu ser jixtru bicca art li kien jahdem missierha. Peress li l-attur kien wiret xi flus kienet ipproponiet li juzawhom billi jinvestuhom fl-akkwist ta' dina l-art. Wara li sehh hekk, l-attur baqa' jgerger li l-art kien spicca fuq isimha ukoll u dan wara li kien hareg il-flus hu. Fil-fatt, kienet tatu lura l-bilanc ta' €6,000 li kien fadal.

Kien ukoll insista meta missierha tahom bicca art u ddecidew li jibnu d-dar taghhom hemmhekk, ried li l-bicca l-art zejda tinghata lilhom b'donazzjoni minn missierha. Irrifjuta mbaghad li jibnu sular wiehed jew ihallu l-arja sabiex jibnu t-tfal.

L-istess tip ta' attitudni ta' nkejja u li jaf kollox kien juzah ma' hutu ukoll biex jaghmilha difficli minhabba l-wirt.

Tghid li l-genituri tal-attur ma kinux rawmuh sabiex jiehu decizjoni u fil-fatt kemm fl-gherusija kif ukoll fiz-zwieg kienet sabet ruhha tiehu decizjonijiet ghalih. Ma kienx jassumi ebda forma ta' responsabbilita' u mbaghad kien kapaci jghajjrek, meta hu stess kien ghazzien. Kien anke jipprokrastina hafna fuq xogholu u jhalli sal-ahhar minuta, minkejja li kien tajjeb f'xogholu.

Dan il-konvenuta tghid huwa rifless tal-mod kif trabba mfissed u anke go bozza, peress li omm l-attur kienet dejjem isus wara uliedha.

Tishaq li ghal bidu kienu kuntenti fiz-zwieg, izda l-problemi bdew meta l-attur beda ibiegh il-kompjuters, partikularment lin-nies mill-Imgarr, peress li kienu jafuha, izda mbaghad ma kienx jaghtihom servizz sew.

Kien traskurat fis-sewqan u kien jahbat ta' spiss. Fil-fatt kien ghalhekk meta xtraw karozza gdida Peugeot KAA 545 bil-flus li tatu n-nanna, kienet isuqha hi u c-Citadel Insurance lanqas riedu jkomplu jinxurjawh. Kien imbaghad xtara Fiesta MEV 122 u kellu hafna problemi biha minhabba magna difettuza. Kienet spiccat ghand il-mekkanik u spicca li x'aktarx iskrappjaha.

Tishaq ukoll li l-attur tant kien ghamel hsara fil-karozza Peugeot li beda juza ohra ABO 196, izda llum ma kinitx taf fejn kienu u jekk kellhomx licenzja imhallsa.

Il-konvenuta tispjega li l-problemi komplew jaggravaw meta l-attur rega' beda jdahhal lil ommu f'hajjithom. Kien iridha tigi toqghod mat-tfal meta bdiet tahdem u kien anke johrogha, flimkien ma' uliedha minghajr ma jghidilha. Kienet anke toqghod iddur mad-dar taghhom, qisha taghha u din kienet haga li kienet iddejjaq lill-konvenuta.

Il-konvenuta tinsisti li l-attur kien traskurat u kienet tiehu hsieb il-kontijiet kollha hi u lanqas kien ihobb izomm ruhu nadif. Fil-fatt, minhabba f'hekk

kien ircieva diversi rapport minn fuq ix-xoghol.[4] Kien anke jidhol tard ghax-xoghol u saru rapporti f'dan is-sens ukoll.

Tinnega li qatt sawtet lill-attur jew lil uliedhom.

Kellhom hafna problemi mal-klijenti fuq il-bejgh tal-kompjuters u kien hemm hafna minnhom li kienu rrappurtawh mal-Konsumatur. Ma kienx jonora garanziji jew jaghti servizz tajjeb u lanqas ma kien jimla l-karti tal-VAT. Kienet nehhietlu l-ktieb tal-VAT peress li kien ighajjat lilha. Tghid ukoll li mill-flus li kien jaqla tal-kompjuters u l-kirijiet kienet tiddepositahom sabiex thallas il-kontijiet u l-bzonnijiet ta' kuljum. Imbaghad peress li bdew gejjin it-tfal u kien beda jsegwi kors St.Martin's College dan ix-xoghol naqas sew.

Il-konvenuta tispjega li l-attur kien iffissat fuq it-tfal u kien jehodhom ghand tabib jekk kemm-il darba ma jkunux jifilhu ghax kien iffissat li ma tiehux hsiebhom.

Kien kontinwament ighajjarha li taghmel l-affarijiet hazin, mentri tinnega dan kollu, anzi tinsisti li kellha hafna inizjattiva u kienet tinvolvi ruhu sew fil-komunita' tal-Imgarr, tant li kienu talbuha torganizza summer school u kienet tiehu lil uliedha maghha.

Minkejja li kienet involuta f'hafna attivitajiet xogholha ta' omm u mara mizzewga dejjem ghamlitu u kienet tiehu hsieb il-faccendi. Meta kienet tirritorna lura d-dar kienet toqghod mat-tfal sabiex ilestu l-*homework*, izda meta l-attur kien jidhol id-dar kien mohhu biex jisfrattahom u kien

---

[4] Docs 12 a – 12 c annessi mal-affidavit tal-konvenuta.

jghammihom bl-affarijiet li kien jixtrilhom u dan sabiex jintghogob maghhom.

Il-konvenuta tkompli tispjega li r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet sejra ghall-aghar u kienet tevita li tkellmu ghax kien idawwar kollu kontriha jew jibda argument li ma jispicca qatt. Kull attivita' socjali jew kulturali li kienet torganizza mal-ommijiet ohra ghat-tfal, l-attur kien jaghmel minn kollox sabiex jisfrattahom.

Tghid ukoll li dejjem ried jiggieled jew jaqla' l-inkwiet kemm jekk siefru jew attendew ghal xi attivita'. Kien anke joqghod jiehu l-filmati bil-videos, imbaghad joqghod jurihom lit-tfal u jikkritika.

Ma tantx kien jhobb imur mal-familja taghha u dan l-iktar ghaliex ma kienx jiehu gost jarahom uniti u kollha jghinu lil xulxin. Peress li ilsienu kien jikkmandah kien jaghmel il-hajja impossibbli ghal dawk ta' madwaru.

Meta l-konvenuta bdiet tahdem fl-2010, kienet tuza l-paga taghha sabiex thallas l-ispejjez tal-iskola, l-bzonnijiet tat-tfal u anke tfaddlilhom xi haga. Il-kontijiet tad-dawl u ilma kien ighaddilha l-flus l-attur u thallashom hi.[5] Il-bqila l-attur kien izomm flusu u jixtri s-*shares* flok ihallas xi haga meta diga' kienet issibha difficli biex tkampa, imma kienet bil-ghaqal hafna bil-flus.[6]

Tikkonferma li tahdem bhala ghalliema fil-Kullegg Marija Regina, fl-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Bahar u tikkonferma li l-introjtu taghha.[7]

---

[5] Doks. 16a – 16b anness mal-affidavit tal-konvenuta.
[6] Dok. 15 anness mal-affidavit tal-konvenuta
[7] Dok. 19 a anness mat-tieni affidavit tal-konvenuta f'vol. 7

Tishaq li ppruvaw imorru *counselling,* izda l-attur dejjem kien jipprova jsib l-iskuzi sabiex ma jmurx. Ma kienx kapaci jaccetta li ghandu x'jirranga irid kollox kif ighid hu jew xejn.

Il-konvenuta ttenni li kien hemm diversi episodji li wassluha sabiex tiehu d-decizjoni li titlaq u tibda bil-proceduri ta' separazzjoni.[8] Tghid li meta ddecidiet li tiftah il-medjazzjoni, kienet bla karozza, kien anke qatghalha l-linja telefonika u spicca li jhakkja l-internet taghha u tellghalha kont.

Is-sitwazzjoni d-dar kienet saret intollerabbli, tant kien ikun hemm ghajjat u tghajjir u l-attur kien pogga diversi *recorders* madwar id-dar.

Jumejn qabel ma telqet mid-dar saret taf li l-attur kien iffrizalha l-assi u t-tifel il-kbir kien accenna ghall-fatt li l-attur kien qallu li malli jinqata' d-dawl u ilma kien ser jehodhom ighixu x'imkien iehor u kien ghalhekk li kienet iddecidiet li titlaq bit-tfal ghand ommha u ilha hemm minn Dicembru, 2014. It-tfal bdew jiddejqu minhabba n-nuqqas ta' privatezza u kien ghalhekk li s-subien marru jghixu ma' missierhom u t-tifla baqghet maghha u dan ghaliex ma felhitx ghall-hmieg li kien hemm fid-dar matrimonjali. Tghid ukoll li l-attur kien ittraskura d-dar matrimonjali u kienet mimlija zibel u ghamel sentejn u nofs bla dawl, izda kien gab *generator*.

**<u>Assi</u>**

Tikkonferma li l-attur jircievi parti mill-kirijiet taz-zewg hwienet u dar il-Hamrun kif gej:-

[8] Doks. 17 u 17b annessi mal-affidavit tal-konvenuta.

i) Nofs kera tal-hanut li kien mikri lill-kumpanija Tradewise Ltd. bil-€18.63 kuljum u sehemhu ta' €9.32 kuljum[9]

ii) Kwart tac-cens tal-hanut Simons, Hamrun fejn sehmu huwa ta' €5.89 kuljum u ommu kienet tati lilu u lil ohtu sehemha li kienu jiddikjarawh fl-income tax. Izda minn meta bdew bil-proceduri ta' separazzjoni ma riedx jimla' l-income tax izjed u dan biex ma jurix kemm qed jaqla'. [10]

iii) Jaqla', flimkien ma' ohtu kera ta' bejn €100 u €150 kull sitt xhur, pero' kien hemm xi problemi ma' min kien fil-kera.

Tghid li bhala flus kreditu parafernali kellha Lm500 (€1,160) valur tal-karozza Suzuki 800 li kellha qabel iz-zwieg. Kellha ukoll Lm2,500 (€5,800) li kienet fadlet qabel iz-zwieg u uzathom biex irrangaw il-post u ghamlu t-tieg.

Dwar assi parafernali tal-attur tikkonferma li kellu s-segwenti:-

i) Xtara Peugeot KAA 545 li baqa' jhallasha fiz-zwieg;[11]

ii) L-akkwist tad-dar matrimonjali kien ta' Lm13,000 u kienu hadu self mill-Bank of Valletta u l-attur kien beda jhallas il-loan u baqa' jhallasha wara z-zwieg;

iii) Wiret kwart tad-dejn u l-assi ta' missieru li miet xi tmien xhur qabel ma zewwgu. Id-dejn kien jammonta ghal Lm60,000 (€140,000) u tikkonferma li kienet sabet evidenza ta' Lm33,500 (€77,050). Imbaghad kien infetah kont bankarju f'isimha u anke f'isem JB dan minhabba li kien hemm mandat ta' sekwestru fuq l-attur, ohtu u

---

[9] Dok. 20 a kuntratt tal-kera tal-hanut

[10] Doks. 20b u 20 c anness mat-tieni affidavit tal-konvenuta.

[11] Dok.1 fl-affidavit ulterjuri tal-konvenuta

ommu minhabba d-dejn ta' missieru. Dan il-kont kien infetah sabiex hi tkun tista' thallas il-kredituri tal-hanut taz-zraben Freddies u spejjez ohra relatati mal-attivita' kummercjali tieghu.

Tikkonferma li l-krediti kienu ilhom jithallsu mis-sena 1998 u sa meta xehdet jirrizulta li kienu hallsu Lm21,500 (€49,450).[12]

Kien hemm ukoll dejn ma' International Shoe Co. Ltd li kien jammonta ghas-somma ta' Lm12, 000 (€27,600), li thallsu.[13]

Il-konvenuta tishaq li qed tippretendi li tixtri s-sehem tal-attur tad-dar matrimonjali u dan sabiex it-tfal jibqghu jitrabbew f'dan il-post. L-istess qed tippretendi ghal bicctejn art li jinsab adjacenti ghall-proprjeta' appartenenti lill-familja taghha u dan skond il-valur moghti mill-Perit AIC Mario Cassar[14] liema proprjeta' huma s-segwenti:-

a) Il-kantuniera tal-plot tal-Iskorba, fejn il-kuntratt huwa fuqhom it-tnejn u kulma hemm mibni hija bicca zghira.[15]
b) Raba' ta' Fommu bil-Gir.[16]

Jekk id-dar tinbiegh ghandu jithallas l-ewwel l-Awtorita' tad-Djar minhabba li hemm xi penali jekk tinbiegh[17] u r-rikavat ghandu jinqasam.

Tinsisti li l-attur ghandu jimla l-prospetti tat-taxxa li ma meliex u jhallas li ghandu jhallas.

---

[12] Dok. 20d
[13] Dok. 3 fl-affidavit ulterjuri tal-konvenuta.
[14] Dok.25b
[15] Dok. 23
[16] Dok. 24
[17] Dok. 25

**Vetturi**

Dwar il-vetturi Peugeot KAA 545 u ABO 198 tghid li l-attur ghandu jiehu hsieb jisskrapjahom u jhallas ic-citazzjonijiet kollha esistenti fuq l-istess.

**Flus Parafernali tal-Attur**

i) Kwart tal-flus minn bejgh tal-flat ta' Marsa (Lm5,000)[18]

ii) Nofs il-flus tal-bejgh tal-garaxx tal-Marsa (Lm7500)[19]

**Investimenti**

i) MSV Life Insurance Policy fuq l-attur u nharget qabel iz-zwieg – valur @2013 - €15, 140;[20]

ii) HSBC Structured Medium Term Notes li saret fiz-zwieg f'isem l-attur – valur @2013- €5280;[21]

iii) Malta Government Stock li saret fiz-zwieg f'isem l-attur – valur @ 2013 €60, 500.[22]

iv) Savings accounts f'isem l-attur fejn kienet tidhol il-paga tieghu pero' ma kinitx taf x'fih peress l-attur kien ghamel PO Box.

v) HSBC Insurance policy li saret fiz-zwieg f'isem il-konvenuta – valur @2014 - €5087.[23]

vi) Retirement plan fuq isem il-konvenuta li kellha twaqqafha peress li ma kinitx tlahhaq bl-ispejjez.[24]

---

[18] Dok. 27
[19] Dok. 28
[20] Dok. 21
[21] Dok. 22
[22] Dok. 15
[23] Doks. 26
[24] Dok. 30

**Dejn iehor**

a) Il-kont tal-Perit Camilleri fuq xoghol li ghamel biex iceknu l-isplay tal-kantuniera tal-plot tal-Iskorba;
b) Income tax returns li l-attur ma dahhalx minn 2009 sa llum li fuqhom irid ihallas it-taxxa tal-kirijiet u c-cens.
c) Kont tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali.

**Proprjeta' Parafernali tal-konvenuta**

Il-konvenuta tikkonferma li l-genituri taghha kienu tawha b'donazzjoni fiz-zwieg:-

i) Plot fi Skorba bil-valur ta' Lm80, 000;[25]
ii) Bicca raba ta' Deliena Imgarr – valur ta' Lm19, 200;[26]
iii) Qbiela ta' €76 fis-sena ta' raba tal-Gvern.[27]

Tghid ukoll li l-attur kien wiret lil wahda miz-zijiet xebbiet ND u l-valur tieghu ghad irid jigi kkonfermat.[28]

3. Phyllisienne Cilia, fil-kapacita' taghha ta' LSA u SAV supervisor mal-Agenzija Appogg tispjega li kienet supervisor darba biss bhala replacement. Is-sezzjoni kienet inzammet fil-perjodu tal-Ghid u l-attur kien gab xi rigali, ikel u easter eggs. Laghbu Scrabble ghal ftit hin u hadu gost. It-tfal kien staqrew mal-attur li ma setghux juzaw il-bathroom wara d-9 pm u dan minhabba xi hadd kien qed ihammeg. It-tfal ukoll kienu qalulu li

[25] Dok. 31
[26] Dok. 32

[27] Dok. 33

[28] Dok. 34

zijithom kienet haditilhom id-DVDS li kien tahom sabiex jaraw tul il-vaganzi u minflok kienu ser jistudjaw.

Tghid li ghalkemm kienet presenti ma kinitx staqsiethom xi domandi. Izid tghid li t-tfal bdew jilmentaw fuq zijithom u anke fuq il-konvenuta peress li kienu jghajtu maghhom hafna.

4. Spettur Nicholas Vella, in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, ipprezenta diversi rapporti li saru bejn il-partijiet. Kien hemm rapporti li saru mill-konvenuta fil-konfront tal-attur[29], filwaqt li hemm dawk li saru mill-attur fil-konfront tal-konvenuta.[30]

5. WPC 200 Vanessa Attard McCarthy ipprezentat zewg kwereli[31], kif ukoll rapport.[32]

6. PC 753 Felix Falzon in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija jikkonferma li huwa kien stazzjonat l-ghassa tal-Imgarr u kien jaf lill-partijiet minhabba r-rapporti li kienu ghamlu. Il-konvenuta kienet ghamlet tlett rapporti, wahda minnhom minhabba li ma setax tiftah il-bieb ta' barra. Iz-zewg rapporti l-ohra jghid li dawn kienu fuq id-dar matrimonjali.

   L-ahhar rapport kien sar mill-konvenuta sabiex imorru jaraw id-dar matrimonjali u meta dahlu sabu hafna hmieg. Jikkonferma li dakinhar l-attur ma kienx hemm u l-attrici kemm dahlet u harset lejn l-affarijiet b'ghajnejha, ghax ghall-bidu kienet imbezza' tidhol.

---

[29] Doks. NV 1- NV 20
[30] Doks. NV 21 - 32
[31] Doks. VAM 1 u VAM 2
[32] Dok. VAM.3

In kontro-ezami jghid li ghalkemm ipprova jiftah l-istess bieb, ma vverifikax mal-konvenuta jekk kinitx ic-cavetta tad-dar u lanqas ma kien tkellem mal-attur.

Meta gie muri r-ritratti tal-hmieg ma setax jikkonferma peress li kien ghadda hafna zmien, izda kienu jidhru ekwivalenti ghall-post. Meta mar fuq il-post jikkonferma li l-konvenuta kellha access u cavetta tad-dar.

7. PC926 Lawrence Azzopardi in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija, stazzjonat l-Ghassa tal-Imgarr ikkonferma li kien jaf lill-partijiet minhabba r-rapporti li kienu jaghmlu.

   Ighid li kien akkumpanja lill-konvenuta, flimkien ma' PC 753 fid-dar matrimonjali peress li riedet tiehu xi affarijiet jew biex tara x'hemm. Ma kienx cert. Izid ighid li d-dar ma kinitx fi stat tajjeb, kien kollox imqalleb u lanqas kien hemm dawl u ilma.

   Ikkonferma li mir-ritratti li gie muri, kienet id-dar li dahlu go fiha.[33] Meta dahlu jghid li l-konvenuta kienet qed tfittex laptop. Jikkonferma ukoll li ma kienx ghamel kuntatt mal-attur u lanqas seta' jikkonferma jekk kienx hemm.

8. Dr. Mirabelle Pace, kienet it-tabiba tal-partijiet u l-familja taghhom, kif ukoll kienet toqghod l-Imgarr ukoll u uliedha kienu jattendu l-istess skola ta' ulied il-partijiet. Tikkonferma li kienet tara li l-partijiet kienu jiehdu interess f'sahhet it-tfal.

[33] Dok. MV 1 – MV4

Tghid li kienet konsapevoli li l-konvenuta kellha xi problemi ta' neuralgia pero' ma kinitx qaltilha x'kien il-kagun tal-istress taghha u saret taf wara li kienet ghaddejja minn separazzjoni. Dak iz-zmien tghid li kienet qed tiehu hafna *painkillers* u *antibiotics*, izda mbaghad ma kellhomx bzonn iktar.

Tqis lill-konvenuta bhala omm tajba li tixtieq gid lit-tfal taghha. Tghid ukoll li ma ratx differenza fit-tfal qabel u wara s-separazzjoni u kienu jidhru kuntenti ma' ommhom.

Tichad li kienet iktar habiba mal-konvenuta minn ommijiet ohra, izda peress li kienet GP bilfors issir taf in-nies sew.

Lill-attur ma tantx kienet tafu sew, ir-ragel taghha biss kien talbu l-ghajnuna meta kellu xi problemi bil-laptop.

9. OB, oht l-attrici tghid li l-konvenuta kienet persuna li kienet izzomm ruhha mpenjata hafna u kienet tinvolvi ruhha sew fl-attivitajiet tal-Imgarr. Kienet anke torganizza summer school fl-iskola tal-Gvern tal-Imgarr. Tant kienet impenjata li ma kienx ikollha zmien izzomm id-dar fi stat tajjeb.

Hut il-konvenuta kienu involuti hafna f'hajjitha u kienet taghtihom iktar priorita' minn zewgha u kellha tip ta' attitudni li taf kollox u kienet "patronizing."

Fil-fatt l-istess kien gara meta kienu wirtu xi proprjeta' f'sehem indiviz u l-konvenuta riedet li jaqsmu permezz ta' polza, imbaghad rega' bdielha ghax ma kienx jaqblilha.

Kellha l-istess attitudni in kwantu jirrigwarda l-edukazzjoni tat-tfal u ma kinitx tiehu pariri minghand l-attur, tant li kien il-kaz meta dan tal-ahhar beda jissuspetta li t-tifel Edin kellu xi problemi biex jifhem it-tghallim l-iskola.

Izzid tghid li l-konvenuta turi hafna preferenzi bejn it-tfal u kien ovvju li l-favorita kienet M u l-inqas li kienet tingieb mieghu kien E. Kienet titrattah bhalma kienet titratta lill-attur u kienet titraskurah anke in kwantu jirrigwarda l-aspett tieghu.

Erin imbaghad kien jingieb hafna mal-attur, pero' t-tfal kollha kellhom relazzjoni tajba mieghu, minkejja li M kienet toqghod attenta hafna xi tghid quddiem l-adulti.

Tghid li l-attur kien ihobb jixtri lit-tfal affarijiet teknologici minn fuq Ebay u ghalkemm il-konvenuta kienet tilmenta, meta telqet mid-dar matrimonjali kienet hadithom maghha.

Maz-zmien bdiet tinduna li kien hemm problemi bejniethom u dan kien jispikka ijed meta ma kinux marru ghall-party tal-precett tat-tifla taghha fl-ahhar minuta. Kien hemm problemi li l-konvenuta kienet tikkmanda f'kollox u mbaghad kien hemm problemi li kienet tqatta' hafna hin fl-attivitajiet tal-Imgarr u dan kienet tnehhih mill-hin taghha mat-tfal u dan ghax kienet taf li seta' torbot fuq l-attur u anke l-familja taghha.

Ikkonfermat li l-attur kien infurma lilha u lil ommhom meta l-konvenuta qabdet u telqet mid-dar bit-tfal. Kien dam zmien sabiex isir jaf fejn kienu u fil-Milied 2014 ma kienx rawhom.

Kien imur jipprova jara fejn setghu kienu u kien jigi mhedded minn hut il-konvenuta.

Dwar id-dar matrimonjali tichad li tinstab fi stat mhux abitabbli u kulma hemm bzonn hija tibjida. Tghid li rat xi kaxex fil-washroom, izda skond l-attur dawn kienu jappartjenu lill-konvenuta u ma setax jarmihom minghajr il-permess taghha. Kien hemm ukoll xi kaxex fis-shower, izda jghid li dawn il-kmamar ma jintuzawx mit-tfal meta jkunu ghandu.

Ikkonfermat ukoll li l-flus li kien hemm fil-kont bankarju f'isem JB u l-konvenuta kienu gejjin mill-wirt parafernali ta' missierha EG . Dan gie ukoll ikkonfermat minn JB .

10. James Gauci in rapprezentanza tal-Agricultural and Rural Payments Agency ikkonferma li ma jirrizultax registrazzjoni ta' raba, izda jammetti li r-registrazzjoni hija wahda volontarja. Ir-registrazzjoni generalment issir sabiex il-bidwi jkun jista' jibbenefika mill-fondi Ewropej. Minn japplika ghas-sussidju irid ikun registrat bhala bidwi *part-time* jew *full-time*. Jikkonferma ukoll li la darba ssir ir-registrazzjoni, anke jekk tigi rtirata, il-profil jibqa' registrat.[34]

11. Michael Mifsud, in rapprezentanza ta' Public Registry Identity Malta pprezenta dokumentazzjoni rigward ricerka maghmula fuq il-partijiet bejn l-1 ta' Jannar, 1989 sat-2 ta' Dicembru, 2017.[35]

12. Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li tul l-ahhar tlett snin minn meta kien qed jixhed, l-uniku

[34] Dok. JG
[35] Dok. MM1 -MM2

beneficcju li rceviet il-konvenuta huwa c-children's allowance fl-ammont ta' €8.66 kull gimgha ghal kull wild.[36]

13. Austerius Aquilina, in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Artijiet, ipprezenta titolu ta' qbiela f'isem il-konvenuta wahedha.[37]

Fuq il-konvenuta ukoll irrizultaw erba' kirijiet. Dawn jinkludu terzi persuni. Kien sar rikonoxximent favur il-konvenuta f'diversi okkazzjonijiet. Tghid li l-qbiela tista' tigi trasferita lill-ulied li jistghu ukoll jahdmu l-art qabel ma tigi trasferita lilhom. Dwar Dokument KB 4 izid tghid li meta l-genituri tal-konvenuta kienu originarjament applikaw kienu eskludew ir-razzett attigwu ghall-art indikata bil-bordura hamra fuq il-pjanta. Dwar Dokument KB 5 tghid li dina hija talba li saret mill-Avukat Katya Bezzina f'isem il-klijenta taghha biex dan ir-razzett jigi inkluz mal-art, izda l-Awtorita' kienet ghadha ma haditx decizjoni.[38]

14. Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus li pprezenta l-employment history tal-partijiet.[39]

15. JN A , oht il-konvenuta tikkonferma li kemm il-darba l-konvenuta hija persuna responsabbli u tahdem u tistinka hafna u tixtieq familja maghquda, l-attur huwa irresponsabbli, traskurat u ma jaghtix kaz l-edukazzjoni tat-tfal, bhalma hija l-konvenuta. Lanqas kien ighinha fid-dar u dan setghet tikkonfermah meta gieli nsertatu d-dar tieghu.

---

[36] Dok. ST 1
[37] Dok. AA1
[3838] Doks. KB1 – KB 5
[39] Doks. JS1 – JS 2

Tghid ukoll li l-attur dejjem kien ihossu superjuri ghalihom peress li huma familja ta' bdiewa u maghquda. Tikkonferma li peress li llum il-konvenuta tghix m'ommha, fejn tista', tghinha bit-tifla M billi twassalha privat.

Izzid tghid li dejjem kellha relazzjoni tajba ma' ulied il-partijiet, hlief meta marru jghixu ma' nannithom flimkien mal-konvenuta, l-attitudni tas-subien tbiddlet u kienu jkunu disobbidjenti u disrispettuzi lejn ommhom, minkejja li kienet izommilhom id-dixxiplina.

16. JM , oht il-konvenuta tikkonferma li peress li l-konvenuta kienet involuta f'diversi attivitiajiet fl-Imgarr u kienet anke tahdem bhala ghalliema, tispjega li gieli kienu jghinuha billi jzommu lit-tfal cirka darbtejn fil-gimgha. Kien hemm okkazzjoni wahda biss fejn l-attur kellu jmur mat-tfal, izda baqghu wahedhom u kienet marret ghalihom. Izid tghid ukoll li meta l-attivitajiet bhal festa Frawli kienu jkunu vicin kien izommu lit-tfal izjed peress li l-konvenuta kienet tkun iktar impenjata.

Meta kienet torganizza l-iskola sajf, it-tfal tal-partijiet kienu jmorru hemm.

17. Jesmond Mizzi, in rapprezentanza tal-Malta Information Techonology Agency (MITA) ipprezenta informazzjoni dwar l-kuntratt tal-impjieg tal-attur u l-paga tieghu.[40]

Jispjega ukoll li fl-2018 kienu nbdew proceduri ta' dixxiplina msejsa fuq *warnings* li jirrelataw mal-attendenza, nuqqas ta' xoghol u performance u insubordinazzjoni da parti tal-attur. Relatati mal-istess *warnings* jirrizulta

[40] Doks. JM1 – JM5

ukoll li kien hemm *charges* issollevati f'Settembru, 2018, li qatt ma bdew peress li l-attur kien talab li jinghata l-ahhar cans. Kien hemm charges ukoll f'Awissu, 2019, li ma nstemghux peress li l-attur kien irrizenja dakinhar stess li kien hemm l-ewwel seduta.[41]

Ipprezenta d-diversi warnings bejn is-snin 2017 sas-sena 2019.[42] Izid ighid li kien ikun prezenti meta kienu jinghataw il-*warnings* lill-attur u r-reazzjoni tieghu kienet tkun wahda ta' accettazzjoni li jkun zbalja, izda ma kienx jaghmel hiltu biex jirretifika s-sitwazzjoni.

18. Josette Dalmas, Kap tal-Iskola ta' San Pawl fejn tghallem il-konvenuta, tikkonferma li hija ghalliema li dejjem taghmel xoghol sew u ghandha relazzjonijiet tajbin kemm mal-genituri kif ukoll mal-istudenti, minkejja li bhala skola hemm hafna barranin u *social cases* u ghalhekk xi kultant xogholha huwa *challenging*. Hija ezemplari ukoll peress li tghin ukoll fl-attivitajiet extra-kurrikulari.

Tishaq li l-konvenuta ġieli tkellmet maghha rigward il-problemi maritali taghha.

Tghid li l-konvenuta kienet infurmatha li kienet tilfet il-kura u l-kustodja tas-subien, izda ma kinux dahlu fir-ragunijiet. Tishaq li ma tafx dwar xi swat fuq is-subien u li lanqas qatt ma tkellmet mal-konvenuta dwar kawzi kriminali.

19. John Caruana, accountant, ighid li l-attur kien avvicinah ftit qabel is-sena 2000 sabiex ighinu jsolvu l-problemi tal-VAT ta' missieru li kien gie

[41] Dok. JM 1
[42] Dok.KBX

nieqes, peress li kien hemm assessment mill-VAT department li kienu qed jikkontestaw. Ikkonferma ukoll li missier l-attur kien halla hafna dejn u l-kreditur principali kien thallas permezz ta' bejgh ta' proprjeta' ta' missier l-attur u minn flus appartenenti lin-nanna paterna.

L-argument taghhom ghal dan l-*assessment* gie michud, imbaghad kien l-attur li kellu jirregola l-posizzjoni mal-Vat Department u ma setax jikkonferma jekk ir-rimanenti dejn thallas.

20. Karen Cremona in rapprezentanza ta' Transport Malta kkonfermat li prezentement il-konvenuta m'ghandhiex vetturi f'isimha, izda fil-passat kellha vettura wahda Suzuki Satt IBA 208 u dan kien bejn l-25 ta' Mejju, 2000 u 22 ta' Settembru, 2000.[43]

Dawn ix-xhieda elenkati xehdu fuq fatti rigwardanti t-tfal u kif dina l-Qorti digà rriteniet, mhix ser tikkunsidrahom ai finijiet tat-talbiet fuq il-kura u kustodja kif fuq diga' gie premess:-

Josephine Powell fil-kapacita' taghha ta' SAV mal-Agenzija Appogg, kif ukoll Silvana Calleja fil-kapacita' taghha ta' social worker mal-Agenzija Appogg u Ms. Louise Sammut fil-kapacita' taghha ta' supervisor mal-Agenzija Appogg.

LD bhala ghalliem ta' E u N Z bhala Surmast ta' Senior School, De La Salle College u MV , bhala headmistress tal-Primary School.

[43] Dok. KC 1

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**<u>Responsabbilita'</u>**

**<u>Sevizzi/Eccessi/Minacci/theddid/Ingurji gravi/inkompatibbilita' ta' karattru</u>**

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di***

***vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune.***"

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali.***"

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-***

***sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar eccessi, minacci, sevizzi, theddid u ingurji gravi, il-konvenut ma pproduca l-ebda provi sabiex jikkonvinci lil dina l-Qorti li l-attrici rrendiet ruhha hatja tas-separazzjoni.

L-attur jaddebita lill-konvenuta l-vjolenza, il-mohqrija, is-sevizzi, l-eccessi, il-minacci u l-ingurja gravi.

Il-konvenuta taddebita lill-attur is-sevizzi, l-eccessi, it-theddid, l-offiza gravi u l-inkompatibilita' ta' karattru.

Mir-rizultanzi processwali jidher li l-attur trabba gewwa familja fejn ommu prattikament rabbiet lil uliedha gewwa bozza. Ommu kienet ossessjonata li ssegwi kull pass li jaghmel u kienet anke tmur ticcekkja fuqu fuq il-post tax-xoghol. Dan wassal sabiex l-attur ma tantx kellu relazzjoni tajba m'ommu, tant hu hekk li fi tfulitu kien mar ghamel zmien ighix maz-zijiet.

Lanqas fiz-zwieg ma kienx irid lil ommu tkun involuta u kien jevita li jaghmel kuntatt maghha, ghaliex kien jaf li kienet tkun trid tindahal. Izda c-cirkostanzi nbiddlu meta kellhom it-tielet wild, jigifieri lil Hugh u l-konvenuta ddecidiet li tohrog tahdem. Kien hawn li l-attur beda jgorr lil ommu kullimkien u l-konvenuta kienet bdiet tiddejjaq li l-kunjata kienet qed tidhol go darha u tipprova tmexxi u tikkontrolla hi.

Dina l-*over protection* li kellha omm l-attur kien fattur determinanti kif fil-fatt izviluppa l-karattru tal-attur, fis-sens li ma kienx kapaci jiehu decizjoni u kien tip ta' bniedem li ghalkemm jifhem fit-tekonoligija, kien jipprokrastina u lanqas qatt ma kien ilesti dak li jkun wieghed li ser jaghmel. Inoltre, dejjem kien irid li tghaddi tieghu.

Il-konvenuta tirrizulta bhala persuna dominanti u resiljenti u trabbiet hekk minhabba li kellha terfa' r-responsabbilita' ta' hutha peress li ommhom kienet tbati minn depressjoni. Kienet ghalhekk tiehu d-decizjonijiet ta' eta' zghira. Ghalhekk minhabba dan il-karattru kienet tghejja tipprova tfiehem lill-attur li fil-hajja kellu jiehu decizjonijiet u ma setax ihalli l-klijenti li kien isewwilhom il-kompjuters lampa stampa.

L-istess tghid li Meta kien ighinha fl-attivitajiet tal-Imgarr, mill-aspett teknologiku qatt ma kien ilesti l-affarijiet fil-hin u kien jaqlaghlha fwiedha.

L-attur jilmenta li tul iz-zwieg kien gie assoggettat ghall-swat minghand il-konvenuta u l-istess kienet taghmel mat-tfal. Jinsisti li l-konvenuta trabbiet f'dixxiplina esagerata, fejn bhala kastig kien jintuza s-swat. Minkejja dawn l-allegazzjonijiet, dina l-Qorti taqbel mal-konvenuta li dawn ma gewx issostanzjati. Jekk kien hemm xi perjodi fejn l-konvenuta tilfet il-pacenzja jew irrabbjat hafna dan kien fiz-zmien meta l-attur kien qed ighawwi lit-tfal kontra l-konvenuta u ma kinux qed juruha rispett, tant li r-reazzjoni taghha m'huwa xejn ghajr rabja ta' omm mugugha!

Il-fatt li jsemmi li kien gie msawwat minn hut il-konvenuta mhuwiex effettiv u ma jsahhahx it-tezi tieghu, stante li semmai l-htija trid irrizulta mill-konvenuta u mhux minn hutha,

Il-konvenuta ma tinnegax li kien hemm mumenti fejn kienet titlifha u dan peress li ma felhitx li l-attur ma kienx jinhasel u kien jaghmel granet ma jbiddilx. Dan kien fattur li wassal ghal hafna glied u l-verzjoni tal-konvenuta tissahhah izjed meta l-imghallem tal-attur jishaq li kellu problemi mal-attur minhabba l-apparenza tieghu.

L-estrem iehor li ssemmi l-konvenuta kien il-fatt li l-attur qatt ma kien jerfa' responsabbilita'. Ma kienx ighinha fid-dar u kienet tiehu hsieb il-kontijiet tad-dawl u ilma. Kienet anke twarrab il-flus li kien jaqla' l-attur mix-xoghol tal-kompjuters li kien isewwi u dawn kienet tuzahom sabiex thallas l-utilitajiet.

Lanqas kien jiehu hsieb il-vetturi li kien isuq peress li kien jahbat in kontinwazzjoni, tant li l-konvenuta tghid li l-assikurazzjoni rrifjutat li ggeddilu l-polza, fatt li ma jinnegax l-attur. Fil-fatt, il-partijiet jikkonfermaw li kien hemm Peugeot li kienu xtraw bil-flus li sellfithom nannet l-attur, izda ghalkemm ghal bidu l-konvenuta kienet opponiet ghall-akkwist ta' dina l-vettura, imbaghad wara li nxtrat, bdiet tuzaha hi u ma hallitx lill-attur juzaha u dan peress li kienet tibza' peress li kien isuq b' mod irresponsabbli, izda mbaghad kienet thalli lil ohtha tuzaha.

Il-konvenuta ma tinnegax li kien ikollha tiehu r-rigni f'idejha hafna drabi, izda dan ma sarx intenzjonalment, izda minhabba l-fatt li l-attur ma kienx persuna li jasal jikkonkludi. Oht l-attur tikkonferma li l-konvenuta kienet persuna dominanti hafna u kienet taghti iktar priorita' lil hutha. Kienet anke tindirizza lill-attur b'mod dispregevoli. L-attur xehed li l-konvenuta kienet tiftahlu l-posta, li da parti taghha tammetti li kienet taghmel hekk peress li l-attur ma kienx jiftahhom qatt!

L-attur ukoll jattribwxxi l-fatt li ghalih il-konvenuta ma kinitx omm tajba, bhala raguni ohra ghas-separazzjoni u dan meta wara li bdiet tahdem ma kinitx tiehu hsieb it-tfal u kienet mdahhla f'wisq affarijiet fl-Imgarr, tant li bdiet tittraskura d-dar. Il-konvenuta, filwaqt li tammetti li kienet involuta f'hafna attivitajiet tal-Imgarr, partikolarment iktar fis-sajf, qatt ma halliet

lit-tfal wahedhom u dejjem kienet titlob l-ghajnuna tal-genituri taghha jew ta' hutha.

Kienet taghmel hiltiha sabiex tlahhaq mal-faccendi kollha u anke tghin lit-tfal jaghmlu l-*homework* u jistudjaw, pero' hawn ma kinitx issib is-sapport tal-attur, peress li kien jasal id-dar fil-hin tal-i u kien igib mieghu xi rigali ghat-tfal, bhal i jew kotba u dan sabiex jisfrattahom mill-istudji. Dan kien johloq hafna argumenti bejniethom. Kienu hemm ukoll hafna argumenti ghaliex ghall-attur il-konvenuta dejjem kienet disposta li tghin in-nies, partikolarment dawk tal-Imgarr, izda mbaghad ma kinitx tiehu hsieb li tghin lil uliedha, bhal meta rrijutat li taccetta li E kien *dyslexic* u lanqas kienet iddenjat ruhha tiehdu ghall-ghajnuna, izda minflok kienet tghajjru. Il-konvenuta tichad dawn l-allegazzjonijiet. Anke l-istess Kap tal-Iskola fejn tahdem il-konvenuta tikkonferma li din tal-ahhar kienet tmexxi l-klassi b'mod seren u kellha relazzjoni tajba kemm mal-istudenti kif ukoll mal-genituri. Kienet ezemplari ukoll peress li kienet tghin fl-attivitajiet ta' wara l-iskola.

Jirrizulta ukoll li l-konvenuta kienet tmexxi l-iskola Bubbles fis-sajf fl-Imgarr stess u kienet tiehu t-tfal hemm. Dan kollu juri li l-konvenuta kienet persuna li kellha hafna inizjattiva u kienet thobb izzomm ruhha attiva. Ma jfissirx li kienet titraskura t-tfal, izda peress li trabbiet f'familja maghquda kienet issib hafna ghajnuna mill-familjari taghha.

Madanakollu, kien hemm *recordings* li sehhew mit-tifel E minn fejn jirrizulta li l-konvenuta kienet qed tghajjru b'hafna kliem bhal "iblah," izda dan kien zmien meta z-zwieg kien diga' mkisser u l-attur, fil-fehma tal-konvenuta kien dawru kontriha.

Il-konvenuta taccenna ghall-fatt ukoll li l-attur kien jossessjona ruhu bit-tfal u meta ma kinux jifilhu ma kienx jikkuntenta mill-fatt li l-konvenuta tkun hadithom ghand tabib, izda jkun irid jerga' jmur jiehu parir minghand tobba ohra.  Kien johroghom mieghu u lanqas kien ighidilha fejn kienu qedghin.

Huwa minnu li l-konvenuta tammetti li wara li telqet mid-dar matrimonjali, flimkien ma' uliedha, bdiet tinduna li l-attur kien beda jdawwar lit-tfal kontriha u ghalhekk kienet tirreagixxi b'mod aggressiv,

Il-passivita' tal-attur, kif ukoll l-ossessjonijiet tieghu fuq it-tfal waslu sabiex l-konvenuta ghajjiet b'dina t-tip ta' hajja u dawn il-fatturi wassluha sabiex tiehu d-decizjoni li trid separazzjoni.

Minn naha l-ohra, id-dominanza tal-konvenuta u l-passivita' tal-attur wassal sabiex ghal bidu l-attur kien halla lill-konvenuta tmexxi kollox, izda malli bdiet tahdem u kien ighin bit-tfal, beda juru snienu u dawn il-piki waslu sabiex jitbieghdu minn xulxin. Kien jopponi li jsiefer maghha fuq btajjel relatati max-xoghol taghha mal-attivitajiet tal-Imgarr, bhal FestaFrawli. Lanqas kienu qatt siefru bhala familja u jekk kien hemm xi vjagg, l-attur kien jitlaq ghar-rasu ma xi wiehed mit-tfal.

Ghaldaqstant, in vista tal-provi suesposti, ghal dina l-Qorti jirrizulta li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg huwa tort unikament tal-attur minhabba li rrenda ruhu hati ta' sevizzi u offizi gravi. Dwar il-konvenuta l-attur ma rnexxielux jipprova li kien hemm fatturi li jikkonvincu lil dina l-Qorti li kienu gravi bizzejjed biex iwaddbu nofs il-htija lill-konvenuta u dan kuntrarjament ghal dak irrakkomandat mill-Perit Legali li skond dina l-Qorti ma tantx gustifika u ssostanzja dak deciz minnu.

**Kura u Kustodja/Access**

Illum E u M saru maggorenni u kif diga' accennat dina l-Qorti, mhix ser tiehu in konsiderazzjoni kwistjonjiet ta' kura u kustodja, kif ukoll access relatati maghhom.

Il-posizzjoni tal-minuri H tibqa' biex tigi rregolata. Madanakollu, f'Dicembru ta' dina s-sena l-istess minuri ser isir maggorenni. Ciononostante, jibqa' l-fatt li sa dak iz-zmien il-kura u kustodja u l-access tieghu ghandhom jigu rregolati.

Huwa principju ormai stabbilit li meta l-Qorti tkun qed tikkunsidra dawn it-tip ta' decizjonijiet dejjem trid tiehu in konsiderazzjoni "l-***aktar utilita' u dak l-aqwa vantagg u nteress ta'l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u fattwali li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."***[44]

Hugh ilu jghix mal-attur sa mis-sena 2017 u dan wara pattafjun rikorsi u rapporti mill-Agenzija Appogg. H ukoll irrifjuta li jiltaqa' jew ikollu xi tip ta' kuntatt mal-konvenuta u dan ilu minn dan iz-zmien.

Il-Qorti taqbel mar-rakkommandazzjonjiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Keith Borg dwar il-kura tal-minuri li "***tenut dejjem kont ta' kif zviluppa il-fatti ghandha tibqa' tigi fdata f'idejn AG . L-esponenti jhoss illi l-interessi ta' dan il-minorenni jiddettaw illi dan ikompli jghix flimkien ma' missieru – kwalunkwe bidla fl-istatus quo li l-kontendenti qatt ma***

[44] Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna ( 27.11.2003, Citaz. Nru. 1715/2001/1)

***messhom gabu b'idejhom taf tkun ta' pregudizzju serju versu l-benessere morali ta' dan it-tifel."***

Dwar il-kustodja, tenut kont tal-fatt li sfortunatament il-partijiet ma rnexxielhomx jilhqu *modus vivendi* ikun impossibbli li jintlahaq ftehim kull darba li trid tittiehed decizjoni fil-konfront ta' H. Dan huwa oramai principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana.[45]

Dwar l-access, tenut kont tal-fatt li llum H kwasi sar maggorenni, ghandu jithalla fil-liberta' li jiddeciedi kif u meta ghandu jerga' jibni komunikazzjoni mal-konvenuta u ghaldaqstant, dina l-Qorti ma taqbilx mar-rakkomandazzjonjiiet raggunti mill-Perit Legali. M'ghandux jigi sforzat li jsegwi access, meta tant saret hsara li z-zmien u t-terapija biss tista' ttaffi l-ugigh li ghandu.

## Manteniment ghall-Ulied

Ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, ighallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

Inoltre, l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' dettat skond il-mezzi taghhom, ikkalkulati fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"(1*) Il-manteniment ghandu jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih" u*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghadd biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha,*

[45] Ara Lauraine Agius vs Alexei Zammit Douglas deciza fil-31 ta' Ottubru, 2022 (86/15/6).

*is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dhul li jinholoq taht trust."*

Fil-mori tal-kawza, tnejn mill-ulied E u M saru maggorenni, filwaqt li H ghandu sbatax-il sena. Ghalkemm il-Perit Legali ssottolinea li ma giex ppruvat jekk ulied il-partijiet kienux ghadhom studenti *full-time,* pero' fis-sottomissjoniet taghhom il-partijiet jammettu li kemm E kif ukoll M kienu ghadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time*. L-istess japplika ghal H.

Prezentement, il-manteniment ghal kull wild huwa ta' €200 u ilu hekk mit-3 ta' Lulju, 2017[46], li l-attur ihallas lill-konvenuta ghall-M, filwaqt li l-konvenuta thallas lill-attur ghal E u H u jinqassmu l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

L-attur jinsisti li dan l-ammont ta' €200 fix-xahar mhuwiex bizzejjed u dan ghaz-zewg ragunijiet, primarjament ghaliex anke jekk kellu jzid l-gholi tal-hajja dan ma jkunx bizzejjed u mid-data tad-digriet ghaddew sitt snin u konsegwentement dan l-ammont ma jirriflettix il-bzonnijiet ta' llum. Jissottometti li s-somma ta' €300 hija iktar riflessjoni ta' ammont ragjonevoli ghaz-zminijiet ta' llum.

Il-konvenuta topponi kemm ghall-proposti tal-attur, kif ukoll dak tal-Perit Legali li ppropona li l-ammont ta' manteniment jizdied ghal €250, filwaqt li l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

46 A fol. 904

It-tfal ilkoll qed jistudjaw u huma fl-eta' fejn ghandhom bzonn diversi spejjes li iktar ma jghaddi z-zmien iktar jizdiedu. Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ilkoll jahdmu u ghandhom ukoll introjtu tajjeb li jippermettu li jghixu lilhom innifushom kif ukoll it-tfal. Il-Qorti ghalhekk taqbel mar-rakkommandazzjoni tal-Perit Legali li l-ammont ta' manteniment ghandu jizdied ghal €250. *"**L-ispejjes jizdiedu iktar ma jikbru t-tfal. Il-manteniment li ghandu jithallas ma jigix stabbilit skont ma' min ighix it-tifel, izda skont il-mezzi ta' min ghandu l-obbligu tal-hlas u l-bzonnijiet tal-minuri.**"*[47]

Ghaldaqstant, tikkonferma li l-ammont ta' manteniment li ghandhu jithallas lill-ulied huwa dak ta' €250, waqt l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tfal ikkoncernati jsiru maggorenni jew jibqghu jistudjaw fuq bazi *full-time.*

Jibqa' l-fatt pero', kif ben tajjeb accennat il-konvenuta li Edin dalwaqt jaghlaq 23 sena u ghalhekk ftit fadal zmien sabiex jibqa' jigi mmantnut u wara dan isehh ma jkunx jaghmel iktar sens li l-partijiet rispettivament ihallsu lil xulxin ghall-manteniment ta' M u H , kif ukoll l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Ikun iktar jaghmel sens li f'dak il-kaz, li l-attur jassumi l-manteniment u l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ta' Hugh, filwaqt li l-konvenuta taghmel l-istess ghal M . Meta M ssir maggorenni, il-konvenuta ghandha thallas lill-attur il-manteniment ghal H sakemm jaghlaq 23 sena diment li jkompli jistudja fuq bazi *full-time*, kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha tieghu.

---

[47] Lauraine Agius vs Alexei Zammit Douglas (86/15/6) deciza fit-13 ta' Ottubru, 2022.

Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja, filwaqt li c-childrens allowance ghal Hugh ghandu jigi ppercepit mill-attur.

**Manteniment ghall-konvenuta**

Il-konvenuta tul il-proceduri ma nsistitx ghall-manteniment u dan konsiderando li l-konvenuta ghamlet zmien twil tahdem bhala ghalliema u ghad ghandha kapacita' lavorattiva. Di piu', il-konvenuta minn dejjem kienet tahdem u tinvolvi ruhha f'hafna attivitajiet u ghalhekk huwa gustifikat li l-ebda manteniment m'ghandu jkun dovut lejn il-konvenuta.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Permezz ta' sentenza moghtija fil-15 ta' Gunju, 2016, dina l-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.[48]

**Proprjeta' Immobbli**

Il-Perit Tekniku Mario Cassar irrelata fil-31 ta' Mejju, 2018 u vvaluta s-segwenti proprjetajiet:-

i) Id-dar matrimonjali bl-indirizz 34, Xandrija, Triq il-Harrub, l-Imgarr, Malta - €245, 000;
ii) Il-porzjon diviz ta' art baghli fil-limiti tal-Imgarr, Malta, tal-kejl superficjali ta' cirka 1775.65 m.k. fis- 27 ta' Novembru, 2017, fis-somma ta' €46, 000.

---

[4848] A fol. 156A

iii) Il-porzjon diviz ta' art "Ta' Xtura," l-Imgarr, Malta, tal-kejl superficjali ta' cirka 269 m.k. fis-somma ta' €16, 000.

B'verbal li ghamlu l-partijiet fis-seduta quddiem dina l-Qorti fit-30 ta' Novembru, 2023, il-kontendenti ddikjaraw li wara li ssehh il-rivalutazzjoni minn Perit innominat minn dina l-Qorti, id-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-attur, filwaqt li l-artijiet imsemmija ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta, b'dana pero' li ghandha ssir ekwiparazzjoni in favur dik il-parti li ghandha kreditu favuriha, li minnha ghandhom jitnaqqsu krediti ohra kif ser jigi deciz hawn taht.

**<u>Assi Ohra</u>**

Is-segwenti investimenti ghandhom jigu likwidati u jinqassmu bejn il-partijiet f'ishma indaqs bejniethom:-

a) Il-polza ta' assikurazzjoni mahruga minn MSV Life (valur fl-2013 €15,140;
b) HSBC Structured Medium Term Notes (valur fl-2013 ta' €5, 280);
c) Polza ta' assikurazzjoni mahruga minn HSBC Bank Malta plc. (valur fl-2014 ta' €5, 087).

Il-Malta Government Stocks (valur fl-2013 ta' €60, 500) ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta u dan tenut kont tal-fatt li l-attur qed jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg.

**<u>Kontijiet Bankarji</u>**

1. Dwar il-kontijiet bankarji kulhadd ghandhu jzomm il-kontijiet personali tieghu.

2. Kontijiet oħra huma s-segwenti:-

i) Savings plan mal-HSBC f'isem il-konvenuta bil-polza numru 100-012-091 li timmatura fid-9 ta' Novembru, 2024 u għandha valur ta' €5,381.95;

Konsiderando li l-attur huwa fil-maġġorparti responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ huwa ġust li din il-polza tibqa' tinżamm mill-konvenuta.

ii) Children's Plan mal-HSBC f'isem il-konvenuta għan-nom ta' E bil-polza numru 100-001670, li timmatura fl-20 ta' Mejju, 2027 u li għandha valur ta' €6, 647.22;

iii) Children's Plan mal-HSBC f'isem il-konvenuta għan-nom ta' M bil-polza numru 100-002130, li timmatura fil-21 ta' Mejju, 2020 u li għandha valur ta' €6, 647.22;

iv) Children's Plan mal-HSBC f'isem il-konvenuta għan-nom ta' H bil-polza numru 100-002875, li timmatura fis-27 ta' Marzu, 2032, li għandha valur ta' €4, 385.50.

L-attur qed jipproponi li l-kontijiet li hemm f'isem E u H jiġu assenjati lilu, filwaqt dak ta' M jiġi assenjat lill-konvenuta, li da parti tagħha tinsisti li dawn il-kontjiet u/jew Children's Plans għandhom igħaddu direttament f'idejn it-tfal rispettivament.

Tenut kont tal-fatt li kemm E kif ukoll M llum huma maġġorenni, il-Qorti taqbel li l-kontijiet u/jew Children's Plans għandhom igħaddu direttament lilhom, filwaqt li peress li h għadu minuri, il-kontijiet u/jew Children's Plans tiegħu għandhom jibqgħu jiġu amministrati mill-attur sakemm isir maġġorenni.

(v) L-attur ighid li fil-15 ta' Novembru, 2013, il-konvenuta kienet hadet is-somma ta' €3, 905 u fit-3 ta' Dicembru, 2012 kienet hadet is-somma ta' €2, 486.14 mill-polza numru 400-008990 mill-HSBC Life Assurance (Malta).

Ghalkemm il-konvenuta ma tinnegax li hadet dawn l-ammonti tispjega li dan kien minhabba li kellha bzonn dawn il-flus ghall-htigijiet tat-tfal, in partikolari relatati mal-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha. Jirrizulta ukoll li dawn il-flus ingibdu bejn is-snin 2011-2012 u dan jibqa' jikkonferma li dak iz-zmien kienu ghadhom flimkien u gustament intuzaw fil-familja u dan iktar u iktar meta gie ammess li kienet il-konvenuta li kienet tamministra flushom.

Ghaldaqstant, il-Qorti mhix ser tippronunzja ruhha fuq dawn il-flejjes gialadarba ntuzaw fil-komunjoni.

(vi) Dwar is-sentenza **Automated Revenue Management Limited et. Vs. MV G** deciza fis-27 ta' Ottubru, 2016, jirrizulta li hemm qbil bejn il-partjiet. Gialadarba l-attur kien gie kjamat fil-kawza u s-sentenza nghatat fil-konfront tat-tnejn sabiex ihallsu f'ishma ugwali l-ammont mitlub fl-ittra ufficjali 208/15 ta' €2,161 u l-istess kien anke hallas sehem il-konvenuta peress li dak iz-zmien irrifjutat u dan sabiex jerga' jigi riattivat is-servizz tad-dawl u ilma, sehem il-konvenuta u cioe' €1080.50 ghandu jinqata' mis-sehem dovut lilha minn kwalsiasi krediti ohra dovuti mill-attur fil-konfront taghha.

<u>**Income Tax**</u>

Il-konvenuta tinsisti li kien hemm zmien fejn l-attur qatt ma kien jipprezenta l-prospetti tal-income tax u kien hemm il-multi u arretrati. Ghalkemm ma nghatax indikazzjoni ta' dawn l-ammonti, huwa l-attur li ghandu jibqa' responsabbli li jhallas dawn l-arretrati sas-sena finanzjarja 2014, meta l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali.

**Assi jew Krediti Parafernali**

1. Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni li s-segwenti assi huma parafernali ghall-attur u l-konvenuta ddikjara fis-sottomissjonijiet taghha li m'ghandha ebda pretensjoni fuq l-istess:-

a) Nofs il-hanut 30 A, Triq il-Kbira, Hamrun, operat minn socjeta' kummercjali terza bl-isem ta' Tradewise Limited u li minnu l-attur kellu jircievi nofs tal-kera dovuta, bi kwart l-iehor tircevih ohtu u n-nofs tircevih ommu, MG , sehem l-attur huwa ta' Lm3, 750 (€8, 737.50) fis-sena;
b) Nofs il-fond 30, Triq il-Kbira, Hamrun (ghandu sehem ta' kwart) u li jinsab soggett ghac-cens annwu u perpetwu operat mis-socjeta' kummercjali Debono Brothers & Co. Ltd. fejn l-attur jircievi kwart tac-cens dovut;
c) Nofs indiviz tad-dirett dominju u cens relattiv ta' Lm45 fis-sena impost fuq il-fondi urbani ta' Villa Aaron u Villa Maria, Hamrun, kif ukoll settima parti ndiviza flimkien ma' ohtu ta' diversi proprjetajiet ohra fil-Hamrun u fil-Marsa.

**Vetturi**

Jirrizulta li z-zewg vetturi Peugeot KAA 545 u Peugeot ABO 196 li nxtraw fiz-zwieg gew skrappjati llum u ghaldaqstant m'hemmx lok iktar ghal dina l-Qorti sabiex tippronunzja ruhha fuqhom.

**Krediti fuq il-Komunjoni**

a) L-attur qed jippretendi ukoll li ghandu krediti ta' €14, 562.50,[49] €8,737.50[50] u Lm1000[51] referibbli ghall-bejgh ta' ishma li kellu minn proprjetajiet ohra li wiret.

L-attur jinsisti li dawn il-flejjes intuzaw fil-komunjoni, filwaqt li l-konvenuta tirribatti dina l-allegazzjoni u ssostni li dawn il-flus intuzaw biex xtraw l-ghalqa akkwistata fit-12 ta' Ottubru, 2009.[52]

Inoltre, il-Perit Legali kkonferma l-verzjoni tal-konvenuta in parte, stante li s-somma ta' Lm10, 000 li qala'minn fuq bejgh ta' garaxx il-Marsa ntuza sabiex xtraw l-ghelieqi tal-komunjoni. Dwar ir-rimanenti pretensjonijiet ta' krediti, il-Perit Legali Dr. Keith Borg ikkonstata li ma ngabux provi dwarhom u konsegwentement irrakkomanda li dawn il-pretensjonijiet m'ghandhomx jigu akkolti.

Peress li jirrizulta li hemm biss qbil fuq is-somma ta' Lm10, 000 dina l-istess somma ghandha tkun akkolta bhala kreditu favur l-attur u ghaldaqstant, ghandha titnaqqas minn sehem il-konvenuta tal-istess ghelieqi.

b) Dwar il-vettura Peugeot 306 KAA 545 li nxtrat qabel iz-zwieg minn dejjem hemm verzjonijiet konfliggenti, fis-sens li l-attur jinsisti li din thallset minn  nanntu, filwaqt li l-konvenuta tghid li spiccaw hallsu

[49] Causa Mortis formanti parti mir-ricerki mir-Registru Pubbliku fuq Aaron Grech ipprezentati quddiem il-Perit Legali Dr.Keith Borg immarkat bhala Dok. MM1

[50] Causa Mortis formanti parti mir-ricerki mir-Registru Pubbliku fuq Aaron Grech ipprezentati quddiem il-Perit Legali Dr.Keith Borg immarkat bhala Dok. MM1

[51] Causa Mortis formanti parti mir-ricerki mir-Registru Pubbliku fuq Aaron Grech ipprezentati quddiem il-Perit Legali Dr.Keith Borg immarkat bhala Dok. MM1

[52] A fol. 1300

minn flus mill-komunjoni peress li nanntu kienet tghadd l-flus lil missier l-attur, li qatt ma kien ighaddihom lill-attur.

Ciononostante, dina l-vettura llum giet skrappjata. Jekk kienu flus li ntuzaw mill-komunjoni *in ogni caso*, il-vettura serviet ghall-bzonnijiet tal-familja u jekk kien hemm xi hlasijiet minn nannet l-attur ma ngabux provi ta' x'kienet dina s-somma.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali li dan l-istess kreditu m'ghandux jigi akkolt.

c) L-attur qed jippretendi kreditu parafernali ta' Lm3000 (€6990) li thallsu ghan-nom tal-konvenuta sabiex inxtrat id-dar matrimonjali. Ghalkemm il-konvenuta ma tikkontestax li effettivament l-attur kien hallas Lm3000 sabiex hi harget biss Lm2000, izda tikkontesta dan il-kreditu stante l-fatt li in kontra-kambju kienet ghenet biex tarma l-post u anke sabiex isir "finished." Da parti tal-attur ma jirrizultax li kien hemm kontestazzjoni f'dan is-sens u ghaldaqstant, dina l-Qorti thoss li dan il-kreditu m'ghandux jigi akkolt.

d) L-attur qed jippretendi ukoll kreditu parafernali ta' Lm13, 500 (€31, 455), flus li tatu ommu bhala donazzjoni ghad-dar matrimonjali. M'hemmx kontestazzjoni da parti tal-kontendenti li dawn il-flus inghataw bhala donazzjoni mill-kirijiet li kienet tircievi ommu, kif ukoll m'hemmx kontestazzjoni li l-attur kien ghadda dawn il-flus lill-konvenuta sabiex twarrabhom.

Mill-provi mressqa jirrizulta li parti minn dawn il-flus uzaw sabiex jixtru bicca art li missier il-konvenuta ried jaghtihom b'donazzjoni.

Wara li sar hekk, l-attur beda jilmenta li l-art tnizzlet fuqhom it-tnejn meta l-flus kienu parafernali tieghu.

Il-Qorti taqbel ma' dak rilevat mill-konvenuta li effettivament, jekk omm l-attur kienet tathom il-flus sabiex juzawhom ghad-dar, l-intendiment kien li jkunu ghall-beneficcju tal-komunjoni. Fil-fatt, il-konvenuta kienet tatu l-bilanc tal-flus lura.

Peress li l-Qorti qed tqis li l-attur fil-maggorparti responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, dan il-kreditu mhux ser jigi akkolt.

e) Il-flus fil-kont bankarju f'isem JB u MVG , li skond l-attur huma flus mill-wirt tal-attur u ohtu mid-defunt missierhom EG. . Huwa kkonfermat kemm mill-konvenuta, minn oht l-attur u fuq kollox il-konvenuta li dawn il-flus kienu gew iddepositati f'isimhom minhabba li kien sar sekwestru u dan sabiex setghu ihallsu l-kredituri ta' missierhom.

Jigi kkunsidrat li dawn il-flejjes jirrizultaw minn kirijiet li jircievu l-attur u l-familja tieghu u ma jirrizultax li parti minnhom jappartjenu lill-komunjoni, kif qed tissolleva l-konvenuta. In ogni caso kien jispetta lilha sabiex tipprova dan.

Ghaldaqstant, in vista ta' dan, it-talba ghal tali kreditu qed tigi akkolta.

**<u>Proprjeta' Parafernali tal-Konvenuta</u>**

Hemm qbil li l-konvenuta ghandha s-segwenti proprjeta' parafernali:-

a) Porzjoni diviza ta' art fil-limiti tal-Imgarr, Malta b'faccata fuq Triq is-Saqwi (circa 320 m.k.) li nghatat permezz ta' donazzjoni lilha f'Marzu, 2007 ghall-valur ta' Lm80.000.

b) Porzjoni diviza ta' art formanti parti minn art maghrufa bhala Ta' Delina, fiz-Zebbiegh, limiti tal-Imgarr, Malta circa 2696 m.k. u dan permezz ta' donazzjoni fl-2005 ghall-prezz ta' Lm19, 200.

c) Qbiela ta' €21.62 kull sena lill-Awtorita' tal-Artijiet ghar-raba' ta' Bur Nohhala gewwa l-Imgarr, Malta flimkien ma' hutha u qbiela ohra €33.01 kull sena lill-Awtorita' tal-Artijiet raba' tal-Iskurvit, Mgarr, Malta flimkien ma' ohtha, qbiela ohra ta' €63.29 ghar-raba' l-Mixquqa, Mellieha, u ohra ta' €21.21 kull sena Tal-Iskurvit, kif ukoll Razzett Parafernali parti mir-raba' Ta' Burnuhhala Imgarr, Malta li dwarhom l-attur jindika li ghalkemm il-qbiela thallsu mill-komunjoni l-attur mhux ser joqghod ifittex il-porzjoni tieghu bhala kreditu kontra l-komunjoni.

Il-konvenuta qed titlob li dina l-propjeta' tibqa' ghandha, filwaqt li l-attur ma jopponix, pero' qed jitlob li jinghata lura nofs l-ispejjes tat-taxxa li thallsu mill-komunjoni fuq l-istess donazzjonijiet.

Tenut kont tal-fatt li l-attur qed jinzamm responsabbli fil-maggorparti ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti ma tarax li huwa gustifikat li jithallas sehemhu minn dawn it-taxxi.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, izda tichadha in kwantu r-ragunijiet ghall-istess separazzjoni huma imputabbli lill-attur minhabba sevizzi u offizi gravi.
2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lill-attur ighix separatament mill-konvenuta martu.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dina t-tielet talba in kwantu tirrigwarda lil E u M, stante li dawn saru maggorenni. In kwantu jirrigwarda l-minuri H dan ghandu jibqa’ fil-kura u kustodja tal-attur ghar-ragunijiet suesposti, b’dana li l-access jigi ezercitat jekk kemm il-darba l-minuri jkun jixtieq u dan tenut kont li f’Dicembru ta’ dina s-sena jsir maggorenni u kapaci jiehu d-decizjonijiet tieghu.
4. Tichad ir-raba’ talba stante dak li gie deciz fit-tielet talba.
5. Tilqa’ l-hames talba attrici u tordna li l-ammont ta’ manteniment li ghandhu jithallas lill-ulied huwa dak ta’ €250, waqt l-ispejjez edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Peress li E dalwaqt jaghlaq 23 sena u ghalhekk ftit fadal zmien sabiex jibqa’ jigi mantnut u wara dan isehh ma jkunx jaghmel iktar sens li l-partijiet rispettivament ihallsu lil xulxin ghall-manteniment ta’ M u H , kif ukoll l-ispejjez edukattivi u tas-sahha, ikun iktar jaghmel sens li f’dak il-kaz, li l-attur jassumi l-manteniment u l-ispejjez edukattivi u tas-sahha ta’ H, filwaqt li l-konvenuta taghmel l-istess ghal M.Meta M ssir maggorenni, il-konvenuta ghandha thallas lill-attur il-manteniment ghal H sakemm jaghlaq 23 sena diment li jkompli jistudja fuq bazi *full-time,* kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

Il-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u jibqa’ jithallas fil-konfront tat-tfal sa fejn applikabbli jekk isiru maggorenni, jew jekk qed jistudja, bil-kundizzjoni li ghadhom qed jistudjaw fuq bazi *full-time*.

Ic-childrens allowance ghal H ghandu jigi ppercepit mill-attur.

6. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tas-sitt talba stante dak li gie deciz fil-hames talba.
7. Tichad is-seba' talba attrici, izda stante li l-konvenuta tahdem mhix ser tippronunzja ruhha fuq dina t-talba.
8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser, filwaqt li tinnomina lill-**Perit Mario Axisa,** sabiex jaghmel rivalutazzjoni tad-dar matrimonjali u cioe' 34, Xandrija, Triq il-Harruba, Mgarr (Malta), kif ukoll dak ta'

**a)** Il-porzjon diviz ta' art baghli fil-limiti tal-Imgarr, Malta, tal-kejl superficjali ta' cirka 1775.65 m.k. fis- 27 ta' Novembru, 2017, fis-somma ta' €46, 000.

**b)** Il-porzjon diviz ta' art "Ta' Xtura," l-Imgarr, Malta, tal-kejl superficjali ta' cirka 269 m.k. fis-somma ta' €16, 000.

Tikkonferma li d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-attur, filwaqt l-artijiet ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta, b'dana li ghandha ssir ekwiparazzjoni favur wahda mill-partijiet u dan skond li jigi vvalutat, kif ukoll l-istess ekwiparazzjoni ghandha tinkludi fiha l-krediti li gew ikkwantifikati u assenjati iktar ' l fuq.

9. Tilqa' d-disa' talba attrici u tordna li d-dar matrimonjali u cioe' 34, Xandrija, Triq il-Harruba, Mgarr (Malta) tigi assenjata lill-attur, li jkollu kull dritt jokkupaha esklussivament flimkien ma' uliedu E u H .
10. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante dak deciz fid-disa' talba.

11. Tilqa' l-hdax-il talba sa fejn applikabbli u skond dak li gie deciz fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-proprjeta' parafernali tal-kontendenti.
12. Tilqa' t-tnax-il talba u tordna lill-konvenuta sabiex thallas jew tikkonsenja lill-attur l-oggetti parafernali u dotali tieghu skond kif fuq imfisser u tordna li l-attur jkollu l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.
13. Tichad it-tlettax-il talba stante li ma jirrizultax li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex il-Qorti tenforzahom.
14. Tilqa' l-erbatax-il talba u tordna lill-attur jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

**Kontro-Talba**

1. Tilqa' l-ewwel kontro-talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet ta' sevizzi u offizi gravi imputabbli lill-attur.
2. Tilqa' t-tieni kontro-talba limitatament ghat-tifel minuri Hugh, stante li E  u M , llum huma maggorenni.
3. Tilqa' t-tielet kontro-talba in kwantu dak li diga' gie deciz fil-hames talba.
4. Tichad ir-raba' kontro-talba stante li m'hemmx ragunijiet sabiex dan isehh.
5. Tilqa' l-hames kontro-talba u tordna li l-komunjoni tigi likwidata u assenjata kif fuq imfisser fit-tmien talba attrici.
6. Tilqa' s-sitt kontro-talba, b'dana pero' li m'hemmx lok li jigi ffisssat terminu, stante li l-konvenuta gia' telqet mid-dar matrimonjali.

7. Tilqa’ s-seba’ kontro-talba skond ma gie deciz u mfisser iktar ‘l fuq rigward il-krediti u assenjazzjoni tal-assi parafernali.
8. Tilqa’ t-tmien kontro-talba b’referenza ghas-seba’ kontro-talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

**Onor. Imhallef Dr. Anthony J. Vella**
**Registratur**